IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Rapport annwali 2022.

# Panorama tas-sena




curia.europa.eu

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiggarantixxi l-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija waħda minn seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha l-missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati kif ukoll li tiggarantixxi l-istħarriġ tal-legalità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni.

L-istituzzjoni tikkontribwixxi sabiex jitħarsu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew permezz tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija kkostitwita minn żewġ qrati: il-"Qorti tal-Ġustizzja" u l-"Qorti Ġenerali".

CVRIA

# Rapport annwali 2022.

# Panorama tas-sena

# Werrej


Daħla mill-President ........ 4

1 Ħarsa qasira lejn is-sena 2022 ........ 9

A Sena f'ritratti ........ 10

B Is-sena f'ċifri ........ 20

L-istituzzjoni fl-2022 ........ 20

Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali) ........ 21

Id-dipartimenti lingwistiċi ........ 22

2 L-attività ġudizzjarja ........ 25

A Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2022 ........ 26

L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ........ 26

Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ........ 32

B Il-Qorti Ġenerali fl-2022 ........ 36

L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali ........ 36

Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza ........ 40

Il-Membri tal-Qorti Ġenerali ........ 42

C Il-ġurisprudenza fl-2022 ........ 46

**Focus** Ir-Regolament li jissuġġetta l-ħlas ta' fondi Ewropej għall-osservanza tal-Istat tad-dritt huwa validu ........ 46

**Focus** Id-dritt għal azzjoni legali tal-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent ........ 50

**Focus** Id-dritt li wieħed jintesa u d-dritt għal informazzjoni ........ 52

**Focus** Gwerra fl-Ukraina: projbizzjoni ta' xandir imposta fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni favur ir-Russja u l-libertà ta' espressjoni ........ 56

**Focus** Multa rekord ta' EUR 4.125 biljuni imposta fuq Google minħabba r-restrizzjonijiet imposti fuq il-manifatturi ta' apparat mobbli Android ........ 58

Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena ........ 60

3 70 sena fis-servizz taċ-ċittadini u ta' Unjoni tad-dritt ........ 91

A Attività tal-istituzzjoni fl-2022 ........ 92

B L-avvenimenti prinċipali tas-sena ........ 96

Is-70 sena tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: ħarsa lejn sena li fiha fakkarna dan l-anniversarju ........ 96

Bennejja tal-Ewropa: iż-żgħażagħ fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ........ 98

Streaming tas-seduti: pass ieħor biex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qrib iċ-ċittadini ........ 99

Rappreżentazzjoni teatrali fis-Sala Prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja ........ 102

C Relazzjonijiet mal-pubbliku ........ 104

4 Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent ........ 109

5 Ħarsa lejn il-futur ........ 113

6 Nibqgħi konnessi! ........ 117



## Koen Lenaerts

President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Is-sena 2022 kienet is-sena li fiha ċċelebrajna s-70 anniversarju tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għal din l-okkażjoni, ir-Rapport Annwali tal-istituzzjoni qed jieħu xejra ġdida. Mingħajr kompromessi fejn tidħol il-kwalità tal-informazzjoni, ġie deċiż li jingħata format iktar konċiż, li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-evoluzzjonijiet prinċipali li kellhom impatt fuq l-istituzzjoni u l-ġurisprudenza, bi stil iktar dirett u aċċessibbli għall-ikbar pubbliku possibbli.**

Il-perijodu kopert minn din il-Panorama kien ikkaratterizzat minn ritorn għan-normal fil-funzjonament tal-istituzzjoni, wara sentejn ikkumplikati minħabba l-kriżi sanitarja marbuta mal-pandemija tal-Covid-19. L-għodda teknoloġiċi implimentati matul din il-kriżi issa jifformaw parti mill-ambjent tax-xogħol ta' kuljum tagħna. Madankollu, kien essenzjali li l-istituzzjoni terġa' tieħu l-ħajja internament bl-istabbiliment mill-ġdid ta' kuntatti u interazzjonijiet spontanji fuq il-post, li huma tant importanti għall-effettività tal-ħidma taż-żewġ qrati.

Il-kommemorazzjoni tas-70 anniversarju tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bit-tema "Ġustizzja viċin iċ-ċittadin", ħadet il-forma ta' sensiela ta' avvenimenti u ta' funzjonijiet, bħalma kienu l-Jum "Bibien Miftuħa" speċjali organizzat fit-8 ta' Ottubru 2022, il-Forum Straordinarju tal-Membri tal-Ġudikatura li nżamm bejn l-4 u s-6 ta' Diċembru 2022, li kien jinkludi, bħala l-avveniment prinċipali, udjenza solenni fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tiegħu l-Gran Duka Eredi tal-Lussemburgu kif ukoll tal-ogħla rappreżentanti tal-istituzzjonijiet Ewropej, tal-awtoritajiet Lussemburgiż, tad-dinja ġuridika u tal-korp diplomatiku, il-pubblikazzjoni ta' ktieb ta' prestiġju, il-ħruġ ta' bolla

speċjali mill-posta Lussemburgiża, it-tħejjija ta' film dwar l-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll l-għoti ta' isem ġdid lill-binjiet tal-istituzzjoni, ismijiet li issa jirreferu għal personalitajiet li ħallew impatt speċjali fl-istorja tal-ġustizzja.

Fis-sena 2022 ma fakkarniex biss is-70 sena tal-istituzzjoni, iżda kienet ukoll sena "tal-anniversarji" fir-rigward ta' stadji essenzjali tal-proġett Ewropew: 30 sena mit-Trattat ta' Maastricht, li bis-saħħa tiegħu sar riferiment espliċitu, fit-testi fundaturi tal-Unjoni Ewropea, għall-valuri demokratiċi, li jinkludu l-valur tal-Istat tad-dritt, 25 sena mit-Trattat ta' Amsterdam, li estenda l-"metodu Komunitarju", b'mod partikolari l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif ukoll 20 sena mill-introduzzjoni tal-euro.

Madankollu, dawn l-anniversarji kollha ma għandhomx jaħbu r-realtajiet li għandna nħabbtu wiċċna magħhom.

Sfortunatament, mill-kriżi sanitarja għaddejna, fl-aħħar ta' Frar 2022, għall-bidu tal-gwerra fl-Ukraina. L-immaġini xokkanti ta' vittmi u ta' qerda, li konna nittamaw li mhux se nerġgħu naraw fil-kontinent Ewropew, ifakkruna li l-paċi u l-libertà huma valuri li, irrispettivament minn kemm huma "evidenti" għal dawk li jemmnu fil-proġett Ewropew, ma jistgħux jittieħdu għall-għarrieda.

Il-leġittimità stess tal-Unjoni Ewropea u tal-istituzzjonijiet tagħha tiddaħħal regolarment inkwistjoni minn movimenti bbażati fuq xettiċiżmu fil-konfront tal-Ewropa jew minn movimenti populisti, jew minn attakki fil-konfront tal-valuri demokratiċi li jikkostitwixxu l-pedament stess tal-proġett Ewropew. F'Unjoni Ewropea li ngħatat, permezz ta' reviżjonijiet sussegwenti tat-Trattati, oqsma ta' kompetenzi ġodda, l-istituzzjoni hija mistennija tadotta, iktar minn qatt qabel, deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar suġġetti sensittivi. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jolqtu direttament l-iktar interessi importanti tad-dinja tal-lum f'oqsma bħalma huma l-ħarsien tal-valuri inerenti għall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni tal-ambjent, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali, l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-ġganti diġitali, il-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll l-istħarriġ tal-legalità tal-miżuri restrittivi adottati bħala reazzjoni għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt internazzjonali.

F'kuntest ġeopolitiku fejn il-pedamenti stess tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna qegħdin iġarrbu attakki dejjem iktar frekwenti, l-impatt ta' dawn id-deċiżjonijiet jimplika sforz kunsiderevoli ta' komunikazzjoni u ta' edukazzjoni sabiex nippruvaw neliminaw mill-għeruq l-ideat mhux ċari jew id-diżinformazzjoni, iżda wkoll sabiex dak li tgħallimna l-ġurisprudenza Ewropea jiġi integrat b'mod korrett fid-diversi ordinamenti ġuridiċi nazzjonali.

Fuq livell ta' statistika, in-numru ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qrati fl-2022 huwa simili għal dak tas-sena li għaddiet (1 710 kawżi fl-2022, meta mqabbla ma' 1 720 fl-2021). In-numru ta' kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali huwa, minn naħa tiegħu, ftit inqas mis-sena l-oħra (1 666 fl-2022, meta mqabbla ma' 1 723 fl-2021). Meta kkunsidrati flimkien, dawn iż-żewġ ċifri jfissru li kien hemm żieda żgħira fin-numru total ta' kawżi pendenti (2 585 fl-2022, meta mqabbla ma' 2 541 in 2021).

In-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm naqas bi ftit meta mqabbel mas-sena li għaddiet (806 fl-2022, meta mqabbla ma' 838 fl-2021), baqa' wieħed kbir din is-sena, b'mod partikolari fir-rigward ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari. Barra minn hekk, numru dejjem ikbar ta'

kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jqajmu kwistjonijiet sensittivi u kumplessi, li jeħtieġu għalhekk iktar riflessjoni u iktar żmien.

Sabiex iżżomm, f'dan il-kuntest, il-kapaċità tagħha li tagħti deċiżjonijiet ta' kwalità fi żmien raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja, fit-30 ta' Novembru 2022, bagħtet lil-leġiżlatur tal-Unjoni talba bil-għan li tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali kompetenza preliminari f'ċerti oqsma speċifiċi kif ukoll bil-għan li jiġi estiż il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja minn qalbi lill-kollegi tiegħi kif ukoll lill-persunal kollu tal-istituzzjoni għall-ħidma impressjonanti li wettqu matul din is-sena.

K. Lenaerts







# Ħarsa qasira lejn is-sena 2022

1

# A Sena f'ritratti

## Jannar




### Is-70 anniversarju tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tniedi ċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mas-70 anniversarju tagħha. It-tema għall-manifestazzjonijiet matul is-sena kollha hija "Ġustizzja qrib iċ-ċittadin". Fuq il-pjattaformi Mastodon u Twitter, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel kontribut kull ġimgħa sabiex tfakkar l-avvenimenti ewlenin tas-70 sena tal-eżistenza tagħha. #CJUEen70jours #CJEUin70days

## Marzu



### Introduzzjoni tal-firma elettronika

Fil-kuntest tat-tħaffif tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni, il-firma elettronika kkwalifikata tintuża għall-iffirmar tas-sentenzi u tad-digrieti tal-Qorti Ġenerali.




### Preżentata tar-rikors *RT France vs Il-Kunsill*

Fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukraina u tas-sanzjonijiet adottati kontra r-Russja mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-istazzjon RT France jikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali l-projbizzjoni ta' xandir imposta fuqu (T-125/22).

## April




### Preżentata tar-rikors

### *Hamoudi vs Frontex*

Ċittadin Sirjan jitlob danni mingħand l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) minħabba l-aġir illegali tagħha fil-kuntest tal-operazzjoni ta' "refoulement" fil-Baħar Eġew fit-28 u fid-29 ta' April 2020 (T-136/22).



### Preżentata tar-rikorsi

### *Il-Polonja vs Il-Kummissjoni*

Il-Polonja tikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali l-irkupru mibdi mill-Kummissjoni tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 500 000 ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja (C-121/21 R) fil-kawża dwar l-estrazzjoni ta' linjite mill-"minjieri ta' Turów" (T-200/22 u T-314/22).



### Trażmissjoni permezz ta' streaming ta' seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tniedi sistema ta' streaming ta' seduti għas-sottomissjonijiet orali, ta' għoti ta' sentenzi u ta' qari tal-konklużjonijiet, li tippermetti lil kull min ikun jixtieq jassisti għal seduta, ikun fejn ikun.

## Mejju



### Tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari

### *Tez Tour*

Fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19, il-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Litwanja) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-Direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż u s-servizzi tal-ivvjaġġar relatati, sabiex tippreċiża l-kundizzjonijiet ta' xoljiment ta' kuntratt ta' vjaġġ kollox inkluż mingħajr ħlas ta' spejjeż (C-299/22).



### Finali tal-kompetizzjoni "European Law Moot Court"

Organizzata għall-ewwel darba fl-1988, il-European Law Moot Court hija l-iktar kompetizzjoni għas-sottomissjonijiet orali importanti fid-dinja fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni. L-Università ta' Lund (l-Isvezja) hija t-tim rebbieħ tal-edizzjoni 2022.



### Jum l-Ewropa

Sabiex tiċċelebra l-anniversarju tad-dikjarazzjoni Schuman, il-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' maċ-ċittadini f'Esch-sur-Alzette, il-kapitali Ewropea tal-kultura fl-2022. Fit-toroq tal-Villaġġ Ewropew, il-gruppi ta' volontarji tal-Qorti tal-Ġustizzja jisimgħu liċ-ċittadini u jwieġbu għall-mistoqsijiet tagħhom. Din l-inizjattiva tkompli fuq in-networks soċjali EU Voice u Twitter permezz ta' pubblikazzjonijiet li jinkludu l-hashtag #ECJDidYKnow dwar l-iżvolġiment ta' kawża u l-hashtag #AskCuria, ippubblikati bi tweġiba għal mistoqsijiet magħmula miċ-ċittadini.

## Ġunju








### Żjara uffiċjali ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kroazja

Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja jiltaqgħu mal-Prim Ministru, ma' membri tal-Gvern kif ukoll mal-Presidenti tal-Qorti Suprema u tal-Qorti Kostituzzjonali Kroati. F'konferenza miżmuma f'Żagreb, huma jiddiskutu l-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, ir-rwol tal-ogħla qrati sabiex tiġi żgurata l-uniformità tad-dritt, il-klawżoli inġusti fil-kuntratti l-konsumatur u l-mandat ta' arrest Ewropew.

### Titfakkar il-memorja tal-Imħallfin G. Falcone u P. Borsellino

Fl-okkażjoni tat-30 anniversarju mill-mewt tal-Imħallfin kontra l-mafja Taljani Giovanni Falcone u Paolo Borsellino, u sabiex jiġu rrikonoxxuti dawk kollha li jiddefendu l-Istat tad-dritt, l-istituzzjoni tospita, b'mod eċċezzjonali, fis-Sala Prinċipali tagħha, rappreżentazzjoni tax-xogħol *L'Ultima estate – Falcone e Borsellino trent' anni dopo*, ta' Claudio Fava.

### Jiem interistituzzjonali tal-innovazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tospita l-Kumitat Interistituzzjonali għat-Trasformazzjoni Diġitali (KITD): il-persuni responsabbli fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġija u tal-informatika jindirizzaw kwistjonijiet marbuta mas-sovranità diġitali, mal-kondiviżjoni ta' riżorsi diġitali, mal-intelliġenza artifiċjali u maċ-ċibersigurtà.

## Lulju



### Żjara tal-E.T. Katerina Sakellaropoulou, Presidenta tar-Repubblika Ellenika

Il-President u l-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja jospitaw għal sessjoni ta' ħidma l-Eċċellenza Tagħha K. Sakellaropoulou, Presidenta tar-Repubblika Ellenika. Hija tassisti għal preżentazzjoni ġenerali tal-istituzzjoni u tal-multilingwiżmu.

### Laqgħa tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (NĠUE)

Il-membri tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea, maħsub sabiex jinkoraġġixxi d-djalogu bejn il-qrati supremi u kostituzzjonali tal-Istati Membri, jiltaqgħu sabiex jiddiskutu, b'mod partikolari, it-tema tal-ġustizzja qrib iċ-ċittadin.




### Tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari *RTL Nederland u RTL Nieuws*

Il-Ministeru għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà tal-Pajjiżi l-Baxxi jirrifjuta, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, li jagħti aċċess għall-informazzjoni dwar l-inċident li kien jinvolvi l-ajruplan MH17 (li twaqqa' fl-2014 fuq l-Ukraina) lill-korp tal-istampa RTL Nederland. Ir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan ir-rifjut huwiex kompatibbli mal-libertà ta' informazzjoni u ta' espressjoni (C-451/22).

## Settembru



### Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-kriżi sanitarja

Fir-rapport tal-awditu tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tfaħħar ir-reżiljenza tal-Qorti tal-Ġustizzja matul il-pandemija tal-Covid-19 u tosserva li l-istituzzjoni rreaġixxiet b'ħeffa u bi flessibbiltà filwaqt li strieħet fuq l-investimenti diġà mwettqa fit-trasformazzjoni diġitali.



### Żjara tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Ruma

Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana jiltaqgħu f'Ruma sabiex jiddiskutu t-temi tal-identità nazzjonali, tal-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati, tal-Istat tad-dritt u tal-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura, kif ukoll is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni.



### Elezzjoni tal-President, tal-Viċi President, tal-Presidenti tal-Awla tal-Qorti Ġenerali u tiġdid parzjali tal-qorti

Fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali, Marc van der Woude (il-Pajjiżi l-Baxxi) jiġi elett mill-ġdid bħala President tal-Qorti Ġenerali, mill-kollegi tiegħu, għal perijodu ta' tliet snin. Savvas S. Papasavvas (Ċipru) jiġi wkoll elett mill-ġdid bħala Viċi President tal-Qorti Ġenerali. Għaxar Presidenti ta' Awla jiġu wkoll eletti, mill-Imħallfin, għal perijodu ta' tliet snin.

## Ottubru

## Novembru



### Tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari *Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl*

Il-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) tistaqsi jekk is-sitwazzjoni tan-nisa fl-Afganistan, wara t-teħid tal-poter mit-Taliban, tikkostitwixxix persekuzzjoni li tagħti dritt għall-istatus ta' refuġjat (C-608/22).



### Jum "Bibien miftuħa"

Sabiex jitrawwem għarfien fost il-pubbliku dwar ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja u dwar il-valuri tal-Unjoni, il-persunal u l-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja jilqgħu ċ-ċittadini fil-kuntest tal-Jum "Bibien miftuħa". Iċ-ċittadini jiskopru l-istituzzjoni u l-funzjonament tagħha, kif ukoll kif tiżvolġi kawża u l-ħidma tad-dipartimenti.



### Ċerimonja ta' ħruġ ta' bolla kommemorattiva tas-70 sena tal-Qorti tal-Ġustizzja

B'kooperazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, Post Luxembourg toħroġ bolla kommemorattiva sabiex tfakkar is-70 anniversarju tal-istituzzjoni. Din l-inizjattiva tagħmel parti minn tradizzjoni twila ta' kommemorazzjoni ta' anniversarji importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## Décembre



### Żjara ta' delegazzjoni tal-Qorti Suprema tal-Ukraina lill-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' delegazzjoni tal-Qorti Suprema tal-Ukraina fil-kuntest tal-proċedura ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea ta' dan il-pajjiż. L-Ukraina ngħatat l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni f'Ġunju 2022. Din il-laqgħa hija intiża li tistabbilixxi kooperazzjoni, b'mod partikolari dwar il-valuri fundamentali tal-Unjoni, bejn iż-żewġ qrati.



### Forum Straordinarju tal-Membri tal-Ġudikatura

Għal din il-laqgħa annwali, il-Qorti tal-Ġustizzja torganizza Forum speċjali li għandu bħala mistiedna prinċipali l-Presidenti tal-ogħla qrati tal-Istati Membri, il-Presidenti tal-Qorti EDB u tal-Qorti tal-EFTA, kif ukoll ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja. Iddedikat għat-tema "Ġustizzja qrib iċ-ċittadin", il-Forum jiftaħ bil-wiri ta' film qasir li jirrakkonta l-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'immaġni mill-arkivji, interventi minn Membri tal-istituzzjoni u intervisti ma' professuri tad-dritt.




### Udjenza solenni tas-70 anniversarju

Il-Qorti tal-Ġustizzja tlaqqa' l-ogħla awtoritajiet Lussemburgiżi, rappreżentanti għoljin tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-parteċipanti fil-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura f'udjenza solenni, imxandra b'xandira diretta, li tfakkar is-70 sena mill-udjenza solenni tal-installazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar (KEFA).



## Konferenza "Bennejja tal-Ewropa"

Iċ-ċelebrazzjonijiet jiġu konklużi b'laqgħa interattiva bejn studenti postsekondarji minn diversi Stati Membri, preżenti fil-post jew b'parteċipazzjoni mill-bogħod permezz ta' videokonferenza, u persuni f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà għolja fl-istituzzjonijiet Ewropej.





# B Is-sena f'ċifri

## L-istituzzjoni fl-2022

Baġit għall-2022: EUR **465** miljun

**81** Imħallef

**11**-il Avukat Ġenerali

minn

**27**

Stat Membru

**2 254**

uffiċjali u membri tal-persunal

**60 %**

**1 361** mara

**40 %**

**893** raġel

Il-proporzjon ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni jqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-medja superjuri tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Huma okkupati minn nisa:

**54 %** tal-pożizzjonijiet ta' amministraturi

**40 %** tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija f'livell intermedju jew superjuri

# Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali)

**1 710** kawża mressqa

**1 666** kawża maqtugħa

**2 585** kawża pendenti

**173 288** atti proċedurali rreġistrati fir-reġistru tar-Reġistri

Tul medju tal-proċeduri: **16.3** xhur

**16.4** xhur għall-Qorti tal-Ġustizzja

**16.2** xhur għall-Qorti Ġenerali

Perċentwali tal-atti proċedurali ppreżentati permezz ta’ e-Curia:




**87 %** Il-Qorti tal-Ġustizzja




**94 %** Il-Qorti Ġenerali

**9 365** kont ta’ aċċess e-Curia

**e-Curia** hija applikazzjoni informatika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tippermetti lir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, kif ukoll lill-qrati nazzjonali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiskambjaw l-atti proċedurali mar-Reġistri b’mezzi esklużivament elettroniċi

**e-Curia: l-applikazzjoni informatika li tippermetti l-iskambju ta’ dokumenti ġudizzjarji**

ara l-video fuq YouTube

# Id-dipartimenti lingwistiċi

**Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fiha tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.**

**24** lingwa tal-kawża

**552** kombinazzjoni lingwistika possibbli

**612** ġurista lingwista sabiex jittraduċu d-dokumenti miktuba

**1 281 000** paġna għat-traduzzjoni

**1 279 000** paġna tradotti

**71** interpretu għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali u għal-laqgħat

**526** seduta u laqgħat li bbenefikaw mill-interpretazzjoni simultanja

Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li tipprovdi għall-kombinazzjonijiet kollha tal-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss **ġuristi lingwisti** li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profond ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.

**Multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – jiżgura l-ugwaljanza ta' aċċess għall-ġustizzja**

ara l-video fuq YouTube





# L-attività ġudizzjarja

2

# A Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2022

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tisma' kawżi, prinċipalment, dwar:

- **talbiet għal deċiżjoni preliminari**

  Meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni jew dwar il-validità tagħha, hija għandha tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li tindirizza dawn id-dubji, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża li jkollha quddiemha. Fil-kawżi li jeħtieġu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll mal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hija prevista **proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ("PPU")**;

- **rikorsi diretti**, intiżi:
  - li jinkiseb l-annullament ta' att tal-Unjoni ("**rikors għal annullament**") jew
  - li jiġi kkonstatat li Stat Membru ma josservax id-dritt tal-Unjoni ("**rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu**"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas min-naħa tiegħu, rikors ieħor, imsejjaħ "**rikors għat-tieni nuqqas**", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni pekunjarja;
- **appelli**, ippreżentati kontra d-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **talbiet għal opinjoni** dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni jkollha l-intenzjoni li tikkonkludi ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali (imressqa minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea).

## L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2022 ma kien hemm ebda bidla fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħalma lanqas ma kien hemm ebda bidla fit-testi li jirregolaw l-attivitajiet tagħha, jiġifieri l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura.

Wara sentejn affettwati mill-kriżi sanitarja, is-sena 2022 kienet ikkaratterizzata mill-integrazzjoni mill-ġdid, b'mod iġġeneralizzat, tal-persunal fil-bini tal-istituzzjoni u minn ritorn għal kundizzjonijiet normali ta' funzjonament, b'mod partikolari fir-rigward taż-żamma ta' seduti. Madankollu, l-iżviluppi teknoloġiċi li kienu meħtieġa mill-miżuri sanitarji matul is-sentejn li għaddew ġew applikati sabiex jiġu implimentati ċerti proġetti importanti intiżi li jqarrbu l-ġustizzja Ewropea lejn iċ-ċittadin.

**806**
kawżi mressqa

B'hekk, mis-26 ta' April 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja toffri sistema ta' streaming tas-seduti li, bħall-proġett ta' żjarat mill-bogħod imniedi fl-2021, hija intiża li ssaħħaħ l-aspett tagħha bħala "Qorti taċ-ċittadini", iktar aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali. L-idea wara dawn it-trażmissjonijiet hija li kull persuna li tkun tixtieq tagħmel hekk tkun tista' ssegwi s-seduti fl-istess kundizzjonijiet daqslikieku tkun preżenti fiżikament fil-Lussemburgu, fl-awla, u dan bis-saħħa ta' interpretazzjoni simultanja tad-dibattiti fil-lingwi meħtieġa għall-iżvolġiment tajjeb tas-seduta.

Mill-perspettiva tal-istatistika, is-sena 2022 kienet għal darba oħra kkaratterizzata minn volum kbir ta' attività. F'dan is-sens, tressqu 806 kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Bħal fis-snin li għaddew, dawn kienu, essenzjalment, talbiet għal deċiżjoni preliminari u appelli li, b'546 u 209 kawżi rispettivament, jirrappreżentaw, waħedhom, iktar minn 93 % tal-kawżi kollha mressqa fl-2022. Dawn il-kawżi jikkonċernaw oqsma varji u sensittivi bħalma huma l-ħarsien tal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-protezzjoni tad-data personali u l-protezzjoni tal-konsumaturi jew tal-ambjent, mingħajr ma ninsew it-tassazzjoni, il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat. Kien hemm ukoll diversi kawżi marbuta mal-kriżi sanitarja u mal-gwerra fl-Ukraina.

Id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja qatgħu 808 kawżi. Numru kbir minnhom (78) ġew deċiżi mill-Awla Manja u żewġ kawżi, dwar ir-rabta bejn l-osservanza tal-Istat tad-dritt u l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni, ġew deċiżi mis-Seduta Plenarja (Kawżi C-156/21, *L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, u C-157/21, *Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill*).

Minħabba l-użu frekwenti ta' digrieti, b'mod partikolari fil-każ tal-appelli, it-tul globali tal-proċeduri (16.4 xhur) baqa' simili għal dak tas-sena li għaddiet (16.6 xhur), iżda – u dan huwa riflessjoni tal-kumplessità dejjem ikbar tad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja – kien hemm żieda fit-tul medju tat-trattament tal-kawżi preliminari (li żdied minn 16.7 xhur fl-2021 għal 17.3 xhur).

**546**

proċedura għal deċiżjoni preliminari li minnhom **5** PPU

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:

| | |
|---|---|
| Il-Ġermanja: | 98 |
| L-Italja: | 63 |
| Il-Bulgarija: | 43 |
| Spanja: | 41 |
| Il-Polonja: | 39 |

**37**

rikors dirett, li minnhom:

**35** rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u

**2** rikorsi għat-"tieni nuqqas"

**209**

appelli ppreżentati mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

**6**

talbiet għal għajnuna legali

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika mill-għajnuna legali b'xejn.

Fil-31 ta' Diċembru 2022, in-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kien ta' 1 111-il kawża, jiġifieri kważi l-istess numru, b'differenza ta' żewġ kawżi, għal dak irreġistrat fil-31 ta' Diċembru 2021 (1 113-il kawża).

Fid-dawl ta' din l-istatistika, u tal-fatt li, minn Lulju 2022, il-Qorti Ġenerali għandha 54 Imħallef (tnejn minn kull Stat Membru) b'riżultat tat-tlestija tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni mibdija fl-2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ressqet quddiem il-leġiżlatur tal-Unjoni talba għall-emenda tal-Istatut li tikkonċerna żewġ punti. L-għan tagħha huwa li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja żżomm il-kapaċità tagħha li tagħti deċiżjonijiet ta' kwalità f'tul ta' żmien raġonevoli kif ukoll tiffoka iktar fuq il-missjonijiet ċentrali tagħha bħala qorti kostituzzjonali u suprema tal-Unjoni.

Fl-ewwel lok, it-talba għal emenda tikkonsisti fit-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-kompetenza preliminari f'ħames oqsma ddefiniti b'mod ċar, li ftit li xejn iqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju, li jgawdu minn bażi solida ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jirrappreżentaw, barra minn hekk, numru ta' kawżi kbir biżżejjed sabiex it-trasferiment mixtieq jipproduċi effett reali fuq il-volum ta' xogħol tagħha. Dawn l-oqsma huma s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali u l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, il-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri, kif ukoll is-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-kompetenza preliminari tal-Qorti Ġenerali f'kawża ser tkun bla ħsara għall-possibbiltà, għal din tal-aħħar, li tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk tqis li l-kawża tkun teħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju li jista' jkollha impatt fuq l-unità jew il-konsistenza tad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha wkoll il-possibbiltà li tipproċedi, b'mod eċċezzjonali, għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-każ ta' riskju serju ta' preġudizzju għal din l-unità jew għal din il-konsistenza.

Fit-tieni lok, f'kuntest ikkaratterizzat minn numru kbir ta' appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, sabiex tinżamm l-effettività ta' din il-proċedura u sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiffoka fuq l-appelli li jqajmu punti ta' liġi importanti, it-talba leġiżlattiva tipprevedi estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019 (Artikolu 58a tal-Istatut).

Din l-estensjoni ser tikkonċerna l-appelli ppreżentati mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjonijiet tal-bordijiet tal-appell indipendenti ta' ċerti korpi tal-Unjoni li inizjalment ma kinux issemmew fl-Artikolu 58a tal-Istatut meta daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019 (pereżempju, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u tas-Swieq, kif ukoll l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol).

**Koen Lenaerts**

President tal-Qorti tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea



**808**
kawżi maqtugħa

**564** proċedura għal deċiżjoni preliminari, li minnhom **7** PPU

**36** rikors dirett, li minnhom **17**-il-nuqqas ikkonstatat kontra **12**-il Stat Membru

**196** appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, li minnhom **38** annullaw id-deċiżjoni adottata mill-Qorti Ġenerali

**1** opinjoni

Tul medju tal-proċeduri: **16.4** xhur

Tul medju tal-proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari: **4.5** xhur

**1 111**-il

kawża pendenti fil
31 ta’ Diċembru 2022

| Suġġetti ewlenin ittrattati | |
|---|---|
| Ambjent | 46 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 89 |
| Dritt istituzzjonali | 38 |
| Għajnuna mill-Istat | 58 |
| Kompetizzjoni | 64 |
| Politika soċjali | 73 |
| Proprjetà intellettwali | 33 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 77 |
| Spazju ta’ libertà, ta’ sigurtà u ta’ ġustizzja | 132 |
| Tassazzjoni | 80 |
| Trasport | 49 |

Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti tal-Ġustizzja



# Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kkostitwita minn 27 Imħallef u minn 11-il Avukat Ġenerali.

L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati proposti li jaqdu l-funzjonijiet inkwistjoni. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded.

Huma jintgħażlu minn fost personalitajiet li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, l-ogħla karigi ġudizzjarji, jew li huma ġuristi ta' kompetenza magħrufa.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jaħtru minn fosthom il-President u l-Viċi President. L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Avukati Ġenerali huma mistennija jippreżentaw, b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, opinjoni ġuridika, imsejħa "konklużjonijiet" fil-kawżi li jiġu assenjati lilhom. Dawn il-konklużjonijiet ma humiex vinkolanti, imma jippermettu li tingħata ħarsa addizzjonali lejn is-suġġett tat-tilwima.

Fl-2022 ma nħatar ebda Membru ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja.


9
10
12
14
15



**K. Lenaerts**
President



**L. Bay Larsen**
Viċi President



**A. Arabadjiev**
President tal-Ewwel Awla



**A. Prechal**
Presidenta tat-Tieni Awla



**K. Jürimäe**
Presidenta tat-Tielet Awla



**C. Lycourgos**
President tar-Raba' Awla



**E. Regan**
President tal-Ħames Awla



**M. Szpunar**
Avukat Ġenerali Ewlieni



**M. Safjan**
President tat-Tmien Awla



**P. G. Xuereb**
President tas-Sitt Awla



**L. S. Rossi**
Presidenta tad-Disa' Awla



**D. Gratsias**
President tal-Għaxar Awla



**M. L. Arastey Sahún**
Presidenta tas-Seba' Awla



**J. Kokott**
Avukata Ġenerali



**M. Ilešič**
Imħallef



**J.-C. Bonichot**
Imħallef



**T. von Danwitz**
Imħallef



**S. Rodin**
Imħallef



**F. Biltgen**
Imħallef



**M. Campos Sánchez-Bordona**
Avukat Ġenerali



**N. J. Cardoso da Silva Piçarra**
Imħallef



**G. Pitruzzella**
Avukat Ġenerali



**I. Jarukaitis**
Imħallef



**P. Pikamäe**
Avukat Ġenerali



**A. Kumin**
Imħallef



**N. Jääskinen**
Imħallef



**N. Wahl**
Imħallef



**J. Richard de la Tour**
Avukat Ġenerali



**A. Rantos**
Avukat Ġenerali



**I. Ziemele**
Imħallef



**J. Passer**
Imħallef



**A. M. Collins**
Avukat Ġenerali



**M. Gavalec**
Imħallef



**N. Emiliou**
Avukat Ġenerali



**Z. Csehi**
Imħallef



**O. Spineanu-Matei**
Imħallef



**T. Ćapeta**
Avukata Ġenerali



**L. Medina**
Avukata Ġenerali



**A. Calot Escobar**
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mis-7 ta' Ottubru 2022

# B Il-Qorti Ġenerali fl-2022

Il-Qorti Ġenerali tista' prinċipalment tiġi adita, fl-ewwel istanza, b'**rikorsi diretti** ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, meta dawn ikunu **individwalment u direttament ikkonċernati** (individwi, kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.) u mill-Istati Membri kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll b'rikorsi diretti intiżi li jinkiseb il-kumpens għad-danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-membri tal-persunal tagħhom.

Parti kbira mill-kawżi quddiemha huma ta' **natura ekonomika**: proprjetà intellettwali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajnuna mill-Istat u superviżjoni bankarja u finanzjarja.

Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti sabiex taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku dwar tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha.

Id-**deċiżjonijiet** tal-Qorti Ġenerali **jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell**, fuq punti ta' liġi biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi li diġà jkunu bbenefikaw minn eżami doppju (minn Bord tal-Appell indipendenti, u mbagħad mill-Qorti Ġenerali), il-Qorti tal-Ġustizzja tisma' l-appell biss jekk dan l-appell iqajjem kwistjoni ta' natura sinjifikattiva għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

## L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali

Is-sena 2022 kienet ikkaratterizzata mir-ritorn tal-gwerra fil-kontinent tagħna. Dan l-avveniment terribbli għandu jservi bħala mument ta' riflessjoni kollettiva għall-Ewropej kollha. Qatt ma għandna nieħdu l-paċi għall-għarrieda u huwa meħtieġ impenn min-naħa ta' kulħadd favur il-paċi. L-istituzzjoni tagħna għandha rwol ċentrali f'dan l-impenn. Fil-fatt, il-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali hija li jiżguraw l-osservanza tal-Istat tad-dritt u li jaħdmu favur il-protezzjoni tad-dinjità umana. Fl-Unjoni, is-soluzzjoni għall-kunflitti ma tinvolvix theddid u armi, iżda tinsab permezz ta' diskussjoni u tal-liġi. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali hija b'mod partikolari mistiedna, xi drabi f'termini qosra ħafna, tistħarreġ il-legalità tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni fir-rigward ta' persuni jew ta' entitajiet marbuta mal-aggressjoni mibdija mill-Federazzjoni Russa fi Frar 2022. B'hekk, is-sentenza fil-kawża RT France vs Il-Kunsill setgħet tingħata, mill-Awla Manja tal-Qorti Ġenerali, fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, ħames xhur wara t-tressiq tal-kawża. Sal-lum il-ġurnata, tressqu iktar minn 70 kawża dwar miżuri restrittivi marbuta mal-kunflitt bl-armi. Huwa unur għall-Unjoni tagħna li tali miżuri ma humiex suġġetti għal arbitrarjetà iżda huma s-suġġett ta' stħarriġ minn qrati indipendenti u imparzjali.

**904**
kawżi mressqa

Iktar minn qatt qabel, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali jirriflettu l-isfidi soċjali kbar li qiegħed jaffaċċja l-kontinent tagħna. Lil hinn mill-miżuri restrittivi, li ma jikkonċernawx biss l-aggressjoni fl-Ukraina, dawn il-kawżi jikkonċernaw ukoll ir-regolazzjoni taħt id-dritt tal-kompetizzjoni tal-ġganti diġitali u r-regolazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari fil-qasam fiskali u fis-settur tal-enerġija u tal-ambjent. Dawn il-kawżi jikkonċernaw ukoll id-dritt bankarju u finanzjarju, il-protezzjoni tad-data personali, il-politika kummerċjali komuni kif ukoll ir-regolazzjoni tas-swieq tal-enerġija. L-iżviluppi leġiżlattivi reċenti u l-kuntest internazzjonali kkaratterizzat minn tensjonijiet dejjem ikbar jista' jwassal għal intensifikazzjoni tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Dan iżda huwa ċar: il-Qorti Ġenerali hija kompletament konxja tar-responsabbiltajiet tagħha. Hija għandha r-riżorsi meħtieġa sabiex taffaċċjahom. B'mod partikolari, il-qorti laqgħet fi ħdanha tmien Membri ġodda matul is-sena li għaddiet, u b'hekk tlestiet ir-riforma mibdija bir-Regolament 2015/2422. Issa li għandha 54 Membru, il-qorti fl-aħħar għandha żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru. Fid-dawl tal-perijodu l-ġdid ta' tliet snin li beda f'Settembru 2022, il-Qorti Ġenerali għamlet riflessjonijiet iktar estensivi dwar l-organizzazzjoni tagħha u dwar il-metodi tax-xogħol tagħha, filwaqt li enfasizzat stħarriġ ġudizzjarju iktar approfondit, komunikazzjoni mal-partijiet fit-tilwima matul l-istanza kollha u t-tul tal-proċeduri (16.2 xhur bħala medja fl-2022). Il-Qorti Ġenerali, imsaħħa u organizzata mill-ġdid b'dan il-mod, tat lilha nfisha din l-isfida: li tagħti ġustizzja ta' kwalità, li tinftiehem mis-suġġetti tad-dritt, fi żmien li jirrifletti dak li huwa mistenni minnha fid-dinja tal-lum.

L-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni għandha tadatta lilha nfisha b'mod kontinwu għall-isfidi ta' żmienna. Huwa b'dan il-ħsieb li l-Qorti tal-Ġustizzja ressqet, f'Novembru 2022, talba leġiżlattiva intiża b'mod partikolari li jiġu ddefiniti l-oqsma speċifiċi li fihom il-Qorti Ġenerali tkun tista' tingħata kompetenza sabiex tisma' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari mressqa mill-qrati tal-Istati Membri (Artikolu 256 TFUE). Il-Qorti Ġenerali hija lesta sabiex tgħin lill-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħda taffaċċja volum ta' xogħol dejjem jikber. B'rabta mill-qrib mar-riflessjonijiet li wasslu għal din l-inizjattiva, il-Qorti Ġenerali diġà qiegħda tipprepara għall-implimentazzjoni tagħha.

**Marc van der Woude**

President tal-Qorti Ġenerali



**792**

rikors dirett, li minnhom:

| | |
|---|---|
| Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni | **76** |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | **270** |
| Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea | **66** |
| Rikorsi diretti oħra (inkluż **21** rikors ippreżentat mill-Istati Membri) | **380** |

**54**

talba għal għajnuna legali

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika mill-għajnuna legali b'xejn.

**858**
kawża maqtugħa

**760** rikors dirett, li minnhom:

Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni **87**

Proprjetà intellettwali u industrijali **291**

Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea **103**

Rikorsi diretti oħra **279**

Tul medju tal-proċeduri: **16.2** xhur

Proporzjoni ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja: **26 %**

**1 474**

kawża pendenti

(fil-31 ta’ Diċembru 2022)

| Suġġetti prinċipali tar-rikors: | |
|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | **30** |
| Agrikoltura | **30** |
| Ambjent | **22** |
| Għajnuna mill-Istat | **293** |
| Kompetizzjoni | **65** |
| Kuntratti pubbliċi | **22** |
| Miżuri restrittivi | **122** |
| Politika ekonomika u monetarja | **204** |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | **299** |
| Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea | **96** |

Ara l-istatistika tal-Qorti Ġenerali

# Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza



Fi ħdan il-Qorti Ġenerali, bħal f'kuntesti oħra, l-iktar avvenimenti reċenti jħallu l-marka tagħhom. Filwaqt li t-tilwimiet imnissla mill-pandemija tal-Covid-19 għadhom jirrikjedu li l-Qorti Ġenerali tesplora suġġetti ġodda, bħalma turi s-sentenza *Roos et vs Il-Parlament* tas-27 ta' April 2022 (T-710/21, T-722/21 u T-723/21) li eżaminat għall-ewwel darba l-legalità ta' ċerti restrizzjonijiet imposti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sabiex jipproteġu s-saħħa tal-membri tal-persunal tagħhom, l-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa fuq l-Ukraina li bdiet fl-24 ta' Frar 2022 tat lok għal qasam ġdid ta' kawżi. B'hekk, fis-sentenza tagħha *RT France vs Il-Kunsill* tas-27 ta' Lulju 2022 (T-125/22), il-Qorti Ġenerali, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni mingħajr ebda preċedent, fi tmiem proċedura mħaffa, dwar il-legalità ta' miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill u intiżi li jipprojbixxu x-xandir ta' kontenut awdjoviżiv.

Madankollu, dawn l-iżviluppi, importanti kemm huma importanti, ma għandhomx jaħbu d-diversi żviluppi ġurisprudenzjali mwettqa mill-Qorti Ġenerali f'kuntesti iktar klassiċi.

B'hekk, fil-qasam istituzzjonali, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza *Verelst vs Il-Kunsill* tat-12 ta' Jannar 2022 (T-647/20), indirizzat għall-ewwel darba l-kwistjoni tal-legalità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2020/1117 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, adottata bis-saħħa tar-Regolament 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-imsemmi Uffiċċju. Fi tmiem l-eżami tagħha, hija waslet għall-konklużjoni li l-Kunsill kellu marġni wiesa' ħafna ta' diskrezzjoni fl-evalwazzjoni u fit-tqabbil tal-merti tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Ewropew ta' Stat Membru, filwaqt li ddikjarat ukoll li, f'dan il-każ, l-għażla u l-ħatra tal-kandidat magħżul kienu osservaw il-limiti ta' din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa. Fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza *Leonardo vs Frontex* tas-26 ta' Jannar 2022 (T-849/19), eżaminat l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra avviż ta' kuntratt u l-annessi tiegħu minn impriża li ma kinitx ipparteċipat fis-sejħa għal offerti organizzata permezz ta' dan l-avviż. B'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li impriża li turi li l-parteċipazzjoni tagħha fi proċedura ta'

sejħa għal offerti kienet magħmula impossibbli minħabba l-kundizzjonijiet previsti fl-ispeċifikazzjonijiet setgħet tiġġustifika interess ġuridiku fil-konfront ta' diversi dokumenti ta' kuntratt. Fl-aħħar nett, fil-qasam tal-kompetizzjoni, fis-sentenza *Illumina vs Il Kummissjoni* tat-13 ta' Lulju 2022 (T-227/21), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni għall-ewwel darba dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' referenza lill-Kummissjoni previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 139/2004 dwar il-konċentrazzjonijiet għal tranżazzjoni li l-komunikazzjoni tagħha ma kinitx meħtieġa fl-Istat li talab ir-referenza tagħha iżda li kienet timplika l-akkwist ta' impriża li l-importanza tagħha għall-kompetizzjoni ma kinitx riflessa fid-dħul mill-bejgħ tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, bħala prinċipju, li l-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi li għandha kompetenza f'tali sitwazzjoni.

**Savvas S. Papasavvas**
Viċi President tal-Qorti Ġenerali



# Il-Membri tal-Qorti Ġenerali

-Qorti Ġenerali hija kkostitwita minn żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru.

L-Imħallfin jintgħażlu minn fost persuni li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw l-ogħla karigi ġudizzjarji. Huma jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded. Huma jinnominaw minn fosthom, għal tliet snin, il-President u l-Viċi President. Huma jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

F'Jannar 2022, Ioannis Dimitrakopoulos (il-Greċja), Damjan Kukovec (is-Slovenja) u Suzanne Kingston (l-Irlanda) u daħlu fil-kariga bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali.

F'Lulju 2022, Tihamr Tóth (l-Ungerija) u Beatrix Ricziová (is-Slovakkja) daħlu fil-kariga bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali.

F'Settembru 2022, Elisabeth Tichy-Fisslberger (l-Awstrija), William Valasidis (il-Greċja) u Steven Verschuur (il-Pajjiżi l-Baxxi) daħlu fil-kariga bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali.





**J. C. Laitenberger**
Imħallef



**R. Mastroianni**
Imħallef



**J. Martín y Pérez de Nanclares**
Imħallef



**G. Hesse**
Imħallef



**M. Sampol Pucurull**
Imħallef



**M. Stancu**
Imħallef



**P. Škvařilová-Pelzl**
Imħallef



**I. Nõmm**
Imħallef



**G. Steinfatt**
Imħallef



**R. Norkus**
Imħallef



**T. Perišin**
Imħallef



**D. Petrlík**
Imħallef



**M. Brkan**
Imħallef



**P. Zilgalvis**
Imħallef



**K. Kecsmár**
Imħallef



**I. Gâlea**
Imħallef



**I. Dimitrakopoulos**
Imħallef



**D. Kukovec**
Imħallef



**S. Kingston**
Imħallef



**T. Tóth**
Imħallef



**B. Ricziová**
Imħallef



**E. Tichy-Fisslberger**
Imħallef



**W. Valasidis**
Imħallef



**S. Verschuur**
Imħallef



**E. Coulon**
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mid-19 ta' Settembru 2022

# C Il-ġurisprudenza fl-2022

## Focus Ir-Regolament li jissuġġetta l-ħlas ta' fondi Ewropej għall-osservanza tal-Istat tad-dritt huwa validu

Sentenzi *L-Ungerija vs Il-Parlament* u *Il-Kunsill* u *Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill* tas-16 ta' Frar 2022 (C-156/21 u C-157/21)

**L-Istat tad-dritt**

Dan huwa wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni li jkopri:

- il-prinċipju ta' legalità, li jeżiġi l-eżistenza ta' proċess leġiżlattiv trasparenti, responsabbli, demokratiku u pluralistiku ;
- il-prinċipju ta' ċertezza legali;
- il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà fil-poter eżekuttiv;
- il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali);
- il-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri;
- il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza quddiem il-liġi.



Sabiex il-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tagħha jiġu protetti kontra l-preġudizzju li jirriżulta minn ksur tal-Istat tad-dritt bħala valur fundamentali li fuqu hija bbażata l-Unjoni, din tal-aħħar adottat sistema ġdida ta' kundizzjonalità.

Din is-sistema, stabbilita permezz tar-Regolament 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tissuġġetta l-benefiċċju ta' finanzjamenti mill-baġit tal-Unjoni għall-osservanza mill-Istati Membri tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt. Dan ir-regolament jippermetti lill-Kunsill, wara li tintemm investigazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, jieħu miżuri, bħalma huma **s-sospensjoni tal-pagamenti jew korrezzjonijiet finanzjarji, sabiex jiġu protetti l-baġit tal-Unjoni** u l-interessi finanzjarji tagħha **meta tali ksur iġorr ir-riskju li jippreġudikahom.**

Dan ir-regolament ġie kkontestat mill-Ungerija u mill-Polonja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fid-dawl tal-importanza eċċezzjonali tagħhom, il-kawżi ġew deċiżi mis-Seduta Plenarja tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-16 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja **ċaħdet ir-rikorsi** tal-Ungerija u tal-Polonja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-Unjoni hija bbażata fuq valuri komuni għall-Istati Membri, fosthom l-Istat tad-dritt. Dawn il-valuri komuni jiddefinixxu l-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni u ġew aċċettati mill-Istati Membri kollha meta aderixxew mal-Unjoni. L-osservanza tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt tikkostitwixxi għalhekk obbligu fir-rigward tal-eżitu għall-Istati Membri, li jirriżulta direttament

mis-sħubija tagħhom mal-Unjoni. It-tgawdija minn dawn l-Istati tad-drittijiet l-oħra kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati hija suġġetta għal din l-osservanza.

**L-interessi finanzjarji tal-Unjoni jistgħu jkunu kompromessi b'mod gravi minn ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt** imwettaq minn Stat Membru. L-Istati Membri jistgħu jiggarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba biss jekk l-awtoritajiet pubbliċi jaġixxu konformement mad-dritt, jekk il-ksur tad-dritt ikun effettivament investigat u jekk id-deċiżjonijiet arbitrarji jew illegali tal-awtoritajiet pubbliku jkunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv minn poter ġudizzjarju indipendenti u imparzjali. B'hekk, l-Unjoni għandha tkun tista' tiddefendi l-interessi finanzjarji tagħha, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jipproteġu l-baġit tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li s-sistema stabbilita permezz tar-Regolament ikkontestat taqa' taħt il-kunċett ta' regoli finanzjarji li jistabbilixxu b'mod partikolari l-modalitajiet dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni (Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)). B'hekk, ir-Regolament kien adottat b'mod korrett fuq din il-bażi legali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega wkoll, bi tweġiba għal ċerti argumenti tal-Ungerija u tal-Polonja, li l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ma huwiex intiż li tiġi evitata l-proċedura prevista fl-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Iż-żewġ proċeduri għandhom finalità differenti u għan distint. B'mod partikolari, l-Artikolu 7 TUE jippermetti reazzjoni għal kull ksur gravi u persistenti ta' wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni, jew għal riskju ċar ta' tali ksur, filwaqt li r-Regolament ikkontestat japplika biss għall-ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt u fil-każ biss li jkun hemm raġunijiet raġonevoli sabiex jitqies li dan il-ksur għandu impatt baġitarju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ukoll l-argument li l-prinċipji tal-Istat tad-dritt ma għandhomx kontenut materjali konkret fid-dritt tal-Unjoni. **Dawn il-prinċipji ġew żviluppati**

**L-Artikolu 7 TUE**

Din id-dispożizzjoni tiddeskrivi l-proċedura li tippermetti li jiġu sospiżi ċerti drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati għal Stat Membru fil-każ ta' ksur gravi u persistenti tal-valuri komuni għall-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 TUE, li jinkludu l-Istat tad-dritt. L-Ungerija u l-Polonja kienu qegħdin jargumentaw li r-Regolament dwar il-kundizzjonalità kien jippermetti, b'mod illegali, permezz ta' proċedura parallela, li jiġu evitati l-kundizzjonijiet preċiżi previsti fl-Artikolu 7 TUE sabiex jiġi ssanzjonat Stat Membru.

L-osservanza tal-Istat tad-dritt kienet is-suġġett ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, fosthom:

- is-sentenza *Associação Sindical dos Juízes Portugueses* (Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Tnaqqis tar-remunerazzjonijiet fis-servizz pubbliku nazzjonali) tas-27 ta' Frar 2018 (C-64/16);

- is-sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja* (Sistema dixxiplinari tal-membri tal-ġudikatura – Limitazzjoni tad-dritt u tal-obbligu tal-qrati nazzjonali li jressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja) tal-15 ta' Lulju 2021 (C-791/19);

- is-sentenza *Repubblika* (Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura ta' Stat Membru – Proċedura ta' ħatra – Setgħa tal-Prim Ministru – Parteċipazzjoni ta' kummissjoni għall-ħatra tal-membri tal-ġudikatura) tal-20 ta' April 2021 (C-896/19).

**b'mod estensiv fil-ġurisprudenza tagħha u għalhekk jinsabu speċifikati fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.** Is-sors tagħhom jinsab fil-valuri komuni rrikonoxxuti u applikati mill-Istati Membri fl-ordinamenti ġuridiċi rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma f'pożizzjoni li jiddeterminaw bi preċiżjoni suffiċjenti l-kontenut essenzjali kif ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn kull wieħed minn dawn il-prinċipji.

Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità teżiġi l-istabbiliment ta' **rabta reali** bejn ksur tal-prinċipju tal-Istat tad-dritt u preġudizzju jew riskju serju ta' preġudizzju għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Unjoni. Din l-implimentazzjoni teżiġi wkoll rekwiżiti proċedurali stretti fir-rigward tal-Kummissjoni. B'hekk, l-Ungerija u l-Polonja ma għandhomx raġun meta jallegaw li l-poteri mogħtija lill-Kummissjoni u lill-Kunsill huma wiesgħa wisq. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li r-**Regolament ikkontestat jissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertezza legali.**



**Il-prinċipju ta' ċertezza legali**

Dan il-prinċipju jeżiġi li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari u preċiżi u li l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli għas-suġġetti tad-dritt, b'mod partikolari meta jkun jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli. B'hekk, leġiżlazzjoni għandha tippermetti lill-persuni kkonċernati jagħrfu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jieħdu l-passi tagħhom fid-dawl ta' dawn id-drittijiet u obbligi.



# Focus Id-dritt għal azzjoni legali tal-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent

Sentenza *Deutsche Umwelthilfe* (Approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur) tat-8 ta' Novembru 2022 (C-873/19)




Sabiex jipproteġi l-ambjent u jtejjeb il-kwalità tal-arja, ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur jipprojbixxi l-użu ta' apparat li jaġixxi fuq is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' gass li jniġġes sabiex inaqqas l-effettività tagħha (apparat imsejjaħ "ta' manipulazzjoni"). Madankollu, din il-projbizzjoni għandha tliet eċċezzjonijiet, b'mod partikolari meta "l-bżonn tat-tagħmir huwa ġġustifikat f'termini ta' protezzjoni tal-magna kontra ħsara jew inċident u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura".

Deutsche Umwelthilfe, assoċjazzjoni Ġermaniża għall-protezzjoni tal-ambjent, qieset li l-Uffiċċju Federali Ġermaniż għaċ-Ċirkolazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur kiser il-projbizzjoni inkwistjoni meta awtorizza, għal ċerti vetturi tad-ditta **Volkswagen**, l-użu ta' **software li jnaqqas ir-riċiklaġġ tal-gassijiet li jniġġsu**, b'mod partikolari l-ossidu tan-nitroġenu (NOx). Dan is-software, imsejjaħ "tieqa ta' temperaturi", kien **jippermetti li r-rata ta' purifikazzjoni tal-gassijiet tal-exhaust tiġi adattata** skont it-temperatura esterna. L-installazzjoni ta' dan is-software b'hekk kellha bħala riżultat li r-riċiklaġġ tal-gassijiet li jniġġsu kien kompletament effettiv biss jekk it-temperatura esterna kienet ta' iktar minn 15 °C. Issa, għas-sena 2018, it-temperatura medja annwali fil-Ġermanja kienet ta' 10.4 °C.

Deutsche Umwelthilfe kkontestat l-awtorizzazzjoni quddiem qorti Ġermaniża. Din tal-aħħar daret lejn il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb kjarifiki dwar żewġ domandi.

1. Il-qorti Ġermaniża tirrileva li, skont id-dritt Ġermaniż, ma teżistix possibbiltà għal Deutsche Umwelthilfe li tippreżenta rikors kontra l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju Federali għaliex ir-Regolament Ewropew li hija tinvoka ma huwiex intiż li jipproteġi liċ-ċittadini individwalment. Il-qorti Ġermaniża tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk din l-impossibbiltà hijiex kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u mad-dritt għal rimedju effettiv iggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, konformement mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqrija fid-dawl tal-Karta, **assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent**, li hija awtorizzata tressaq kawża quddiem qorti, **ma tistax tiġi mċaħħda mill-possibbiltà li teżiġi l-istħarriġ**, mill-qrati nazzjonali, **tal-osservanza ta' ċerti regoli tad-dritt tal-Unjoni** fil-qasam tal-ambjent. Tali assoċjazzjoni għandha għalhekk tkun tista' tikkontesta quddiem qorti awtorizzazzjoni mogħtija għal apparat ta' manipulazzjoni.

**2.** Il-qorti Ġermaniża tistaqsi wkoll jekk il-"bżonn" li jintuża l-apparat ta' "tieqa ta' temperaturi", li jippermetti b'mod eċċezzjonali l-ġustifikazzjoni tal-installazzjoni tiegħu sabiex tiġi protetta l-magna jew sabiex din tintuża b'mod sigur, għandux jiġi evalwat fid-dawl tat-teknoloġija eżistenti fid-data tal-awtorizzazzjoni jew jekk għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li **apparat ta' manipulazzjoni, bħalma huwa "tieqa ta' temperaturi", jista' jkun eċċezzjonalment iġġustifikat** jekk il-kundizzjonijiet segwenti jkunu ssodisfatti:

- l-apparat għandu jissodisfa strettament il-bżonn li jiġu evitati r-riskji immedjati ta' ħsara jew ta' inċident fil-magna, ikkawżati minn funzjonament difettuż ta' komponent tas-sistema ta' riċiklaġġ tal-gassijiet tal-exhaust;
- din il-ħsara għandha tkun ta' gravità tali li toħloq perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura;
- fil-mument tal-awtorizzazzjoni tal-apparat jew tal-vettura li tkun mgħammra bih, ebda soluzzjoni teknika oħra ma tippermetti li jiġu evitati dawn ir-riskji.

Fl-aħħar nett, anki jekk dan il-bżonn jiġi stabbilit, l-**apparat ta' manipulazzjoni għandu**, fi kwalunkwe każ, **jiġi pprojbit jekk il-mod kif ikun iddisinjat iwassal sabiex**, f'kundizzjonijiet normali ta' ċirkolazzjoni, **il-funzjonament tiegħu jiġi attivat matul il-parti l-kbira tas-sena**. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-eċċezzjoni tiġi applikata ħafna iktar mill-projbizzjoni, b'mod li jkun hemm ksur sproporzjonat tal-prinċipju stess ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx).

Il-Qorti tal-Ġustizzja regolarment taqta' kawżi fil-qasam tal-ambjent. Fost l-iktar reċenti jistgħu jissemmew:

- is-sentenza "*Ville de Paris et*" (Approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur – Valuri tal-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu – Proċedura għall-ittestjar tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali) tat-13 ta' Jannar 2022 (C-177/19 P *et*);
- is-sentenzi *GSMB Invest, Volkswagen u Porsche Inter Auto u Volkswagen* (Vetturi bil-mutur diesel – Emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu (NOx) – Apparat ta' manipulazzjoni pprojbit – "Tieqa ta' temperaturi") tal-14 ta' Lulju 2022 (C-128/20 *et*);
- is-sentenza *Il-Kummissjoni vs Spanja* (Valuri ta' limitu – NO2) tat-22 ta' Diċembru 2022 (C-125/20);
- is-sentenza *Ministre de la Transition écologique u Premier ministre* (Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja) tat-22 ta' Diċembru 2022 (C-61/21).

## **Focus** Id-dritt li wieħed jintesa u d-dritt għal informazzjoni

### Sentenza *Google* (Tneħħija ta' referenza għal kontenut allegatament mhux preċiż) tat-8 ta' Diċembru 2022 (C-460/20)

Fil-livell tal-Unjoni Ewropea, il-protezzjoni tad-data personali hija rregolata permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Madankollu, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex assolut. Dan id-dritt għandu jiġi bbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra, konformement mal-**prinċipju ta' proporzjonalità**. Fost dawn id-drittijiet fundamentali oħra hemm id-dritt għal-libertà ta' informazzjoni.

Fis-sentenza *Google*, mogħtija fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-importanza ta' dan l-ibbilanċjar u implimentat tali bbilanċjar f'risposta għal domanda magħmula mill-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża dwar id-dritt li wieħed jintesa.

It-tilwima kienet tikkonċerna żewġ diretturi ta' grupp ta' kumpanniji ta' investiment li kienu talbu lil Google tneħħi r-referenza għar-riżultati ta' tfittxijiet imwettqa abbażi ta' isimhom. Ir-riżultat ta' dawn it-tfittxijiet kien jinkludi links lejn artikli fl-istampa li kienu jippreżentaw b'mod kritiku l-mudell ta' investiment ta' dan il-grupp. Iż-żewġ diretturi kienu qegħdin isostnu li dawn l-artikli kien fihom allegazzjonijiet li ma kinux preċiżi. Barra minn hekk, huma kienu qegħdin jitolbu li ritratti tagħhom, murija fil-forma ta' ritratti żgħar ħafna (thumbnails) mingħajr ebda element kuntestwali ieħor, jitneħħew mil-lista ta' dawn ir-riżultati.

Google rrifjutat li tilqa' dawn it-talbiet filwaqt li rreferiet għall-kuntest professjonali ta' dawn l-artikli u ritratti, u filwaqt li sostniet li hija ma kinitx taf jekk l-informazzjoni li kienet tinsab fl-artikli kinitx preċiża jew le.

**Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (RĠPD)**

Ir-RĠPD, li daħal fis-seħħ fl-2018, jagħti liċ-ċittadini iktar kontroll fuq id-data personali tagħhom u jqiegħed ċerti responsabbiltajiet fuq l-atturi li jżommu din id-data.

Fost id-drittijiet stabbiliti fir-RĠPD hemm:

- id-dritt għal informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data;
- id-dritt ta' aċċess għad-data miżmuma;
- id-dritt għall-korrezzjoni tad-data li ma tkunx preċiża jew li ma tkunx kompleta;
- id-dritt għat-tħassir tad-data li tkun ġiet ipproċessata b'mod illegali jew li ma tkunx għadha meħtieġa fid-dawl tal-għanijiet tal-ipproċessar tagħha (magħruf aħjar bħala d-"dritt li wieħed jintesa");
- id-dritt għall-portabbiltà tad-data (irkupru tad-data pprovduta lil kontrollur responsabbli għall-ipproċessar).

Adita bit-tilwima, il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, ir-Regolament jipprevedi espliċitament li d-dritt li wieħed jintesa għandu jkun eskluż meta l-ipproċessar tad-data personali inkwistjoni jkun meħtieġ għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' informazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-**dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata** u għall-protezzjoni tad-data personali għandu jipprevali, bħala regola ġenerali, **fuq l-interess leġittimu tal-utenti tal-internet li jkollhom aċċess għal informazzjoni**. Madankollu, dan il-bilanċ jista' jiddependi min-natura ta' din l-informazzjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data. Huwa jiddependi wkoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu informazzjoni. Dan l-interess jista' jvarja skont ir-**rwol li s-suġġett tad-data jkollu fil-ħajja pubblika**.




Madankollu, id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni meta l-**informazzjoni** li tkun tinsab fil-kontenut li għalih issir referenza (u li ma tkunx ta' importanza żgħira) **tirriżulta li ma tkunx preċiża**.

Meta persuna tressaq talba għat-tneħħija ta' referenza, l-operatur ta' magna tat-tiftix għandu numru ta' obbligi:

- Huwa għandu jivverifika jekk kontenut jistax jibqa' jiġi inkluż fil-lista ta' riżultati tat-tfittxijiet imwettqa permezz tal-magna tat-tiftix tiegħu. Jekk it-talba jkollha provi suffiċjenti, l-operatur tal-magna tat-tiftix għandu jilqa' din it-talba.

- Jekk it-talba ma tistabbilixxix b'mod manifest in-natura mhux preċiża tal-informazzjoni, l-operatur ma huwiex obbligat iħassarha. F'dan il-każ, il-persuna li tressaq it-talba għandha madankollu tkun tista' tressaq il-każ quddiem l-awtorità superviżorja fil-qasam tal-protezzjoni tad-data jew quddiem l-awtorità ġudizzjarja sabiex dawn tal-aħħar iwettqu l-verifiki meħtieġa u jordnaw, jekk ikun il-każ, lill-operatur jadotta l-miżuri meħtieġa.

- L-operatur għandu jwissi lill-utenti tal-internet bl-eżistenza ta' proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja dwar in-natura allegatament mhux preċiża ta' kontenut.

- Huwa għandu jivverifika jekk il-preżentazzjoni ta' ritratti fil-forma ta' ritratti żgħar ħafna (thumbnails) tkunx meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' informazzjoni tal-utenti tal-internet li potenzjalment ikollhom interess li jkollhom aċċess għal dawn ir-ritratti. Fil-fatt, il-preżentazzjoni ta' ritratti ta' persuna tikkostitwixxi ndħil partikolarment kunsiderevoli fil-ħajja privata tagħha. Il-fatt li dan l-aċċess jikkontribwixxi għal dibattitu ta' interess ġenerali jikkostitwixxi element importanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jsir ibbilanċjar ma' drittijiet fundamentali oħra.

Il-protezzjoni tad-data personali hija suġġett li jagħti lok għal numru kbir ta' kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Dawn huma numru ta' sentenzi reċenti marbuta mal-evoluzzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni:

- is-sentenza *Facebook Ireland u Schrems* tas-16 ta' Lulju 2020 dwar il-livell ta' protezzjoni li għandu jiġi żgurat fil-każ ta' trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz (C-311/18);

- is-sentenzi *La Quadrature du Net et* tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-projbizzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi t-trażmissjoni jew iż-żamma ġġeneralizzati u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni (C-511/18 *et*);

- is-sentenza *Prokuratuur* tat-2 ta' Marzu 2021 dwar l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja (C-746/18);

- is-sentenza *Facebook Ireland et* tal-15 ta' Ġunju 2021 dwar is-setgħat tal-awtoritajiet superviżjoni nazzjonali (C-645/19);

- is-sentenza *Vyriausioji tarnybinės etikos komisija* tal-1 ta' Awwissu 2022 dwar it-trasparenza tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi privati ta' ħaddiema jew diretturi tas-settur pubbliku (C-184/20).



## Focus Gwerra fl-Ukraina: projbizzjoni ta' xandir imposta fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni favur ir-Russja u l-libertà ta' espressjoni

### Sentenza RT France vs Il-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2022 (T-125/22)




**Il-proċedura għal miżuri provviżorji**

Fl-istennija tad-deċiżjoni finali tal-Qorti Ġenerali, RT France talbet lill-President tal-Qorti Ġenerali, fit-8 ta' Marzu 2022, jissospendi immedjatament l-effetti tad-deċiżjoni ta' projbizzjoni tal-attivitajiet ta' xandir. Din it-talba, imsejħa proċedura għal miżuri provviżorji, ġiet miċħuda fit-30 ta' Marzu 2022. Il-President iddeċieda, b'mod partikolari, li RT France ma kinitx stabbilixxiet li l-projbizzjoni kienet qiegħda tikkawżalha dannu irreparabbli. Għaldaqstant, ma kienx hemm urġenza partikolari li kienet tiġġustifika din is-sospensjoni qabel l-għoti tas-sentenza definittiva fil-kawża.

Fl-24 ta' Frar 2022, il-Federazzjoni Russa bdiet gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukraina. Fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha, l-Unjoni Ewropea rreaġixxiet għal dan il-ksur tad-dritt internazzjonali, fost l-oħrajn billi imponiet sanzjonijiet fuq il-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2022, il-**Kunsill tal-Unjoni Ewropea pprojbixxa l-attivitajiet ta' xandir ta' ċerti mezzi ta' komunikazzjoni** fl-Unjoni jew lejn l-Unjoni **sabiex jaffaċċja l-azzjonijiet ta' propaganda Russa**.

Din il-projbizzjoni kellha impatt b'mod partikolari fuq RT France, li topera stazzjon tat-televiżjoni ffinanzjat mill-baġit tal-Istat Russu, li, fit-8 ta' Marzu 2022, ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

Fid-dawl tal-importanza u tal-urġenza tal-kawża, il-Qorti Ġenerali, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti (bi 15-il Imħallef), implimentat ex officio, għall-ewwel darba, il-proċedura mħaffa, li bis-saħħa tagħha rnexxielha taqta' l-kawża f'inqas minn 5 xhur.

Fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Lulju 2022, il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu. Is-sentenza hija bbażata fuq tliet elementi essenzjali:

- Il-Kunsill għandu diskrezzjoni wiesgħa sabiex jiddefinixxi **miżuri restrittivi** fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni. Huwa jista' jimponi projbizzjoni temporanja ta' xandir ta' kontenut ta' ċerti mezzi ta' komunikazzjoni ffinanzjati mill-baġit tal-Istat Russu jekk dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jappoġġjaw l-aggressjoni militari mir-Russja. L-implimentazzjoni uniformi ta' projbizzjoni ta' dan it-tip tista' tiġi żgurata aħjar fil-livell tal-Unjoni milli fil-livell nazzjonali.

- Il-projbizzjoni ta' xandir, li d-deċiżjoni dwarha kienet ittieħdet mingħajr ma RT France nstemgħet minn qabel, ma tikkostitwixxix ksur tad-drittijiet tad-difiża. Il-kuntest eċċezzjonali u ta' urġenza estrema minħabba l-bidu ta' gwerra mal-fruntieri tal-Unjoni kien jeħtieġ reazzjoni rapida. L-implimentazzjoni immedjata tal-**miżuri ta' projbizzjoni ta' mezz ta' propaganda favur l-aggressjoni militari kienet essenzjali sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn il-miżuri**.

- Il-libertà ta' espressjoni tikkostitwixxi waħda mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika. Din il-libertà ma tapplikax biss għall-ideat milqugħa b'mod favorevoli jew meqjusa li ma jagħmlux ħsara, iżda tapplika wkoll għall-ideat li joffendu, jixxokkjaw jew jinkwetaw. Dan jirriżulta mir-rekwiżiti tal-pluraliżmu, tat-tolleranza u tal-ispirtu ta' ftuħ li mingħajrhom ma jkunx hemm soċjetà demokratika.

  Madankollu, jista' jkun meħtieġ, fis-soċjetajiet demokratiċi, li **jiġu ssanzjonati l-forom ta' espressjoni** li jxerrdu, jiġġustifikaw jew jinċitaw il-mibegħda bbażata fuq l-intolleranza jew fuq l-użu u l-ġustifikazzjoni tal-vjolenza.

  Il-miżura ta' projbizzjoni meħuda kontra RT France ssegwi dan il-għan. Hija intiża li tipproteġi l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika tal-Unjoni, li huma mhedda mill-kampanja sistematika ta' propaganda implimentata mir-Russja, u li teżerċita pressjoni fuq l-awtoritajiet Russi sabiex iwaqqfu l-aggressjoni militari. Din il-miżura hija wkoll proporzjonata peress li hija xierqa u neċessarja għall-għanijiet mixtieqa. Hemm biżżejjed indizji konkreti, preċiżi u konsistenti sabiex jintwera li **RT France kienet qiegħda ssostni b'mod attiv il-politika destabilizzanti u aggressiva mħaddna mill-Federazzjoni Russa** li fl-aħħar mill-aħħar wasslet għal operazzjoni militari offensiva kbira kontra l-Ukraina. Ebda wieħed mill-elementi ppreżentati minn RT France ma jippermetti li jiġi kkonstatat li din tal-aħħar kienet tiżgura trattament globalment ibbilanċjat tal-informazzjoni dwar il-gwerra li kienet għaddejja, li kien josserva l-prinċipji fil-qasam tad-"dmirijiet u responsabbiltajiet" tal-mezzi awdjoviżivi ta' komunikazzjoni.

**Il-miżuri restrittivi jew sanzjonijiet**

Dawn huma għodda li għandha l-Unjoni Ewropea sabiex tippromwovi l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha. Dawn l-għanijiet huma, b'mod partikolari, il-protezzjoni tal-valuri, tal-interessi fundamentali u tas-sigurtà tal-Unjoni, il-konsolidazzjoni u s-sostenn tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, iż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti kif ukoll it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali.

Dawn il-miżuri jistgħu jkunu indirizzati kontra l-gvernijiet ta' pajjiżi terzi jew kontra entitajiet mhux statali (pereżempju impriżi) u individwi (bħalma huma l-gruppi terroristiċi). Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-miżuri jkunu indirizzati kontra individwi jew entitajiet u jikkonsistu fl-iffriżar tal-assi u fi projbizzjonijiet ta' vjaġġar fl-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali tiġi adita b'numru kbir ta' kawżi li jikkonċernaw miżuri restrittivi: dawn jinkludu, b'mod partikolari, sanzjonijiet fil-kuntest ta' azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew minħabba s-sitwazzjoni fis-Sirja u fil-Bjelorussja, kif ukoll kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

# Focus Multa rekord ta' EUR 4.125 biljuni imposta fuq Google minħabba r-restrizzjonijiet imposti fuq il-manifatturi ta' apparat mobbli Android

## Sentenza Google u Alphabet vs Il Kummissjoni (Google Android) tal-14 ta' Settembru 2022 (T-604/18)




Google hija impriża fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni speċjalizzata fil-prodotti u fis-servizzi marbuta mal-internet. Hija tiġġenera l-parti essenzjali tad-dħul tagħha mill-prodott ewlieni tagħha, il-magna tat-tiftix Google Search. Il-mudell kummerċjali tagħha huwa bbażat fuq l-interazzjoni bejn, minn naħa, ċertu numru ta' prodotti u ta' servizzi proposti, ħafna drabi bla ħlas, lill-utenti u, min-naħa l-oħra, servizzi ta' reklamar online bl-użu tad-data miġbura mingħand dawn l-utenti. Google tipproponi, barra minn hekk, is-sistema operattiva Android, li f'Lulju 2018 kienet tintuża, skont il-Kummissjoni, fuq 80 % tal-apparat mobbli intelliġenti użat fl-Ewropa.

Wara li rċeviet numru ta' lmenti, il-Kummissjoni fetħet proċedura kontra Google fl-2015. Din il-proċedura wasslet, fl-2018, għall-impożizzjoni fuq Google ta' sanzjoni ta' EUR 4.343 biljuni minħabba li kienet imponiet restrizzjonijiet illegali fuq il-manifatturi ta' apparat mobbli Android u fuq l-operaturi ta' networks tat-telefonija mobbli. Dawn ir-restrizzjonijiet kienu jinvolvu l-impożizzjoni fuq il-manifatturi ta' apparat mobbli l-obbligu:

- li jinstallaw minn qabel Google Search u Chrome sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-liċenzja għall-użu ta' Play Store;
- li jastjenu milli jbigħu apparat mgħammar b'verżjonijiet Android li ma jkunux approvati minn Google;
- li jirrinunzjaw milli jinstallaw minn qabel servizz ta' tiftix kompetitur sabiex ikunu jistgħu jiksbu parti mid-dħul mir-reklamar ta' Google.

Skont il-Kummissjoni, **dawn ir-restrizzjonijiet** kienu intiżi li jiġu kkonsolidati **l-pożizzjoni dominanti tal-**

**X'inhu abbuż minn pożizzjoni dominanti?**

Il-pożizzjoni dominanti hija sitwazzjoni ta' saħħa ekonomika miżmuma minn impriża li tagħtiha s-setgħa li tostakola ż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva u li taġixxi indipendentement mill-kompetituri tagħha, mill-klijenti tagħha, mill-fornituri tagħha u mill-konsumatur finali.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi lill-impriżi milli jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom sabiex joħolqu restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni, pereżempju billi jimponu prezzijiet abbużivi, ftehimiet ta' bejgħ esklużivi, jew bonus tal-lealtà intiżi li jattiraw il-fornituri tal-kompetituri tagħhom.

**magna tat-tiftix ta' Google** u d-dħul tagħha miksub permezz tar-reklami marbuta ma' dawn it-tfittxijiet.

Din hija l-ikbar multa li qatt ġiet imposta fl-Ewropa minn awtorità tal-kompetizzjoni. Google ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Fil-każ tal-kawża *Google u Alphabet*, il-proċess tal-kawża kien fih iktar minn 100 000 paġna. Matul is-seduta, kienu preżenti 72 avukat u rappreżentant, għal 13-il parti differenti (ir-rikorrenti, Google u Alphabet; il-konvenuta, il-Kummissjoni Ewropea; u 11-il intervenjent insostenn jew tar-rikorrenti jew tal-konvenuta). Is-seduta nżammet fuq ħamest ijiem.

Il-kawża nqatgħet bis-sentenza Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2022. **Fil-parti l-kbira, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u ċaħdet il-parti essenzjali tar-rikors.** Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet b'mod suffiċjenti l-kapaċità ta' ċertu aġir ta' Google li joħloq restrizzjoni tal-kompetizzjoni u li l-Kummissjoni ma kienx imissha rrifjutat lil Google l-possibbiltà li tippreżenta l-argumenti tagħha dwar dan il-punt fil-kuntest ta' seduta għas-smigħ. Wara l-evalwazzjoni tagħha stess taċ-ċirkustanzi kollha, il-**Qorti Ġenerali** fl-aħħar mill-aħħar **naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Google għal EUR 4.125 biljuni**.

**Verifika tal-fatti u tal-applikazzjoni tajba tad-dritt mill-Qorti Ġenerali**

Il-kawżi tal-kompetizzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali ħafna drabi jkunu kumplessi u voluminużi. Il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fl-ewwel istanza: hija għalhekk ma teżaminax biss jekk il-Kummissjoni tkunx applikat b'mod korrett id-dritt iżda teżamina wkoll jekk il-fatti jkunux ġew stabbiliti suffiċjentement. Il-proċessi jistgħu jinkludu provi u studji ekonomiċi ddettaljati intiżi li jistabbilixxu jew li jikkontestaw l-effetti tal-aġir tal-impriżi fis-suq.

**Sentenza Qualcomm vs Il Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2022 (T-235/18)**

F'kawża oħra dwar abbuż minn pożizzjoni dominanti, il-Qorti Ġenerali annullat kompletament id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet imponiet fuq Qualcomm multa ta' madwar EUR 1 biljun minħabba li kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq taċ-chipsets LTE (komponenti elettroniċi li bihom jiġu mgħammra s-smartphones u t-tablets). Skont il-Kummissjoni, dan l-abbuż kien ikkaratterizzat mill-eżistenza ta' ftehimiet li jipprevedu pagamenti bħala inċentiv u li kienu jipprovdu li Apple kellha takkwista l-provvista tagħha ta' chipsets LTE esklużivament mingħand Qualcomm. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li diversi irregolaritajiet proċedurali kienu affettwaw id-drittijiet tad-difiża ta' Qualcomm, b'mod partikolari l-assenza ta' reġistrazzjoni ta' ċerti laqgħat matul l-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat ukoll li l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-effetti antikompetittivi tal-ftehimiet ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha, b'mod partikolari l-fatt li Apple ma kellhiex alternattiva teknika għaċ-chipsets LTE.

# Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena

## Ambjent

**Il-protezzjoni tal-fawna u tal-flora, it-tniġġis tal-arja, tal-art u tal-ilma kif ukoll ir-riskji marbuta mas-sustanzi perikolużi huma wħud mill-isfidi li l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi sabiex jiġu affaċċjati bl-adozzjoni ta' regoli stretti. L-Unjoni adottat, pereżempju, valuri ta' limitu għall-emissjoni ta' inkwinanti, b'mod partikolari fl-agglomerazzjonijiet.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-ambjent**

Ara l-video fuq YouTube



Fil-kuntest ta' proċedura ta' ksur kontra l-Italja, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li dan l-Istat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu minħabba n-nuqqas sistematiku u kontinwu ta' osservanza tal-valuri ta' limitu annwali ffissati għall-emissjoni ta' dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) f'diversi żoni, jiġifieri fil-bliet ta' Torino, Milano, Bergamo, Brescia, Genova, Firenze, Ruma u Catania. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors tal-Kummissjoni u kkonstatat li l-**Italja** kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha li joħorġu mid-Direttiva 2008/50 sa fejn ma żguratx li jiġi evitat il-**qbiż sistematiku u persistenti tal-valuri ta' limitu annwali ffissati għad-dijossidu tan-nitroġenu**. L-Italja kienet naqset ukoll milli twettaq l-obbligi tagħha peress li ma kinitx adottat, b'effett mill-11 ta' Ġunju 2010, miżuri – bħalma huma pjanijiet iktar adegwati sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja jew miżuri addizzjonali speċifiċi sabiex jiġu protetti l-kategoriji ta' popolazzjoni sensittivi – li jiggarantixxu l-osservanza tal-valuri ta' limitu ta' $NO_2$ fiż-żoni kkonċernati.

Sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (Valuri limitu ta' $NO_2$) tat-12 ta' Mejju 2022 (C-573/19)

Id-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni jipproponi lill-professjonisti tal-liġi, fil-kuntest tal-Kollezzjoni tas-Sunti tagħha, "Selezzjoni ta' sentenzi importanti" u "Bulettin mensili tal-ġurisprudenza" tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

In-nawfraġju, f'Novembru 2002, tat-tanker taż-żejt Prestige lil hinn mill-kosta ta' Galicia kkawża tixrid kunsiderevoli ta' żejt li affettwa l-kosta Spanjola u l-kosta Franċiża. Dan kien l-ikbar diżastru ambjentali li qatt ġarrbet Spanja. Fil-kuntest ta' kawża dwar id-**danni kkawżati mit-tixrid ta' żejt** marbut ma' dan in-nawfraġju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sentenza mogħtija minn qorti Brittanika, li tikkonferma deċiżjoni mogħtija fil-kuntest ta' arbitraġġ mibdi mir-Renju Unit, ma setgħetx tipprekludi r-rikonoxximent ta' sentenza Spanjola li tikkundanna lill-assiguratur jagħmel tajjeb għal dawn id-danni. Hija fil-fatt qieset li deċiżjoni arbitrali tista' tostakola r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' Stati Membri fil-każ biss li l-kontenut tagħha seta' jkun ukoll is-suġġett ta' deċiżjoni ġudizzjarja adottata b'osservanza tar-Regolament Nru 44/2001. Fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx li s-sentenza Brittanika setgħet tostakola r-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija fi Spanja fuq azzjoni diretta mressqa mill-vittma kontra l-assiguratur bil-għan li tikseb kumpens effettiv għad-dannu li hija ġarrbet.




Sentenza *London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association* tal-20 ta' Ġunju 2022 (C-700/20)

## Enerġija

**F'kuntest ikkaratterizzat mill-gwerra fl-Ukraina u mid-dipendenza f'termini ta' enerġija tal-kontinent Ewropew fil-konfront tal-bqija tad-dinja, l-Unjoni Ewropa tiżgura l-provvista u s-sigurtà tal-enerġija fit-territorju tagħha. Hija tikkontribwixxi sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq tal-enerġija u sabiex tiġi kkontrollata ż-żieda bla rażan tal-prezzijiet tal-enerġija, b'mod partikolari l-prezz tal-gass u tal-elettriku. Barra minn hekk, hija tiżgura l-interkonnessjoni tan-networks tal-enerġija tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Unjoni tippromwovi l-iżvilupp tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-enerġiji mill-fossili. L-investimenti tal-Istati Membri jistgħu jikkompromettu l-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija u għalhekk il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni huwa suġġett għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali.**



L-Awstrija kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajnuna għall-investiment mogħtija mill-**Ungerija**, favur impriża tal-Istat, għall-**iżvilupp ta' żewġ reatturi nukleari** li kienu qegħdin jinbnew fis-sit tal-impjant ta' Paks. Il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti tal-Awstrija, li kienet qiegħda ssostni b'mod partikolari li l-għajnuna kienet tikkawża distorsjonijiet sproporzjonati tal-kompetizzjoni u inugwaljanza fit-trattament li kienu jwasslu sabiex produtturi tal-enerġija rinnovabbli jiġu esklużi mis-**suq tal-elettriku**. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni kienet korretta u kompleta u kienet tippermetti li tiġi stabbilita l-**kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-għajnuna mill-Istat mogħtija**. Fil-fatt, l-elettriku prodott mir-reatturi l-ġodda ser ikun disponibbli fis-suq bl-ingrossa għall-atturi kollha tas-suq, u dan b'mod trasparenti. B'hekk, ma kienx hemm riskju li l-elettriku prodott mill-kumpannija Paks II jaqa' taħt monopolju bis-saħħa ta' kuntratti għal żmien twil, tip ta' kuntratt dan li joħloq riskju għal-likwidità tas-suq.

Sentenza *L-Awstrija vs Il-Kummissjoni* tat-30 ta' Novembru 2022 (T-101/18)

Fl-2015, l-operatur tan-network tat-trasport tal-gass Ungeriż (FGSZ) beda proġett ta' kooperazzjoni reġjonali intiż li jkabbar l-indipendenza fil-qasam tal-enerġija bl-introduzzjoni tal-**gass mill-Baħar l-Iswed** fin-network. Dan il-proġett kien jipprevedi l-ħolqien ta' kapaċitajiet supplimentari, b'mod partikolari bejn **l-Ungerija u l-Awstrija**. Fl-2018, l-awtorità regolatorja Awstrijaka approvat il-proposta tal-operatur tan-network tat-trasport tal-gass Awstrijak (GCA) marbuta ma' din il-parti tal-proġett, filwaqt li l-awtorità korrispondenti Ungeriża (MEKH), fuq proposta ta' FGSZ, adottat deċiżjoni kuntrarja. F'Awwissu 2019, fl-assenza ta' deċiżjoni kkoordinata bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) iddikjarat li kellha kompetenza f'dan il-qasam u approvat il-parti tal-proġett kif proposta minn GCA. Adita b'żewġ rikorsi ppreżentati minn MEKH u minn FGSZ kontra d-deċiżjoni tal-ACER, il-Qorti Ġenerali ddikjarat inapplikabbli d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2017/459 dwar il-proċess ta' **ħolqien ta' kapaċitajiet supplimentari għat-trasport tal-gass**. L-ACER għalhekk ma kellhiex kompetenza sabiex tadotta d-deċiżjoni ta' approvazzjoni u l-Qorti Ġenerali għalhekk annullat din id-deċiżjoni.



Sentenza *MEKH u FGSZ vs ACER* tas-16 ta' Marzu 2022 (Kawżi magħquda T-684/19 u T-704/19)

## Konsumaturi

**Ir-rispett tad-drittijiet tal-konsumaturi, il-prosperità tagħhom u l-benesseri tagħhom huma valuri fundamentali fl-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ l-applikazzjoni tar-regoli li jipproteġu lill-konsumaturi, sabiex jiġi ggarantit il-ħarsien tas-saħħa tagħhom, tas-sigurtà tagħhom u tal-interessi ekonomiċi u legali tagħhom, irrispettivament mill-post fejn jirrisjedu jew li jmorru fih u irrispettivament minn fejn iwettqu x-xiri tagħhom fi ħdan l-Unjoni.**

**X'għamlet għalija l-Qorti tal-Ġustizzja?**

Ara l-video fuq YouTube

**Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-Unjoni Ewropea**

Ara l-video fuq YouTube




Skont id-dritt tal-Unjoni, konsumatur li kkonkluda ma' professjonist kuntratt fuq l-internet jew bit-telefon għandu, bħala prinċipju, 14-il jum sabiex jirtira mill-kuntratt, mingħajr ma huwa meħtieġ jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Madankollu, **dan id-dritt ta' rtirar huwa eskluż għal avvenimenti kulturali jew sportivi**, sabiex l-organizzaturi jiġu protetti kontra r-riskju ta' biljetti mhux mibjugħa. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din l-esklużjoni tapplika wkoll **fil-każ ta' xiri fuq l-internet ta' biljetti għal kunċert mingħand fornitur ta' servizzi ta' biljetterija**, f'sitwazzjoni fejn ir-riskju ekonomiku jaqa' fuq l-organizzatur tal-kunċert.

Sentenza *CTS Eventim* tal-31 ta' Marzu 2022 (C-96/21)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **trasportatur tal-ajru mhux tal-Unjoni Ewropea** (f'dan il-każ, United Airlines) li ma jkunx ikkonkluda kuntratt ta' trasport mal-passiġġieri iżda li jkun wettaq it-titjira **jista' jkun obbligat iħallas kumpens lill-passiġġieri fil-każ ta' dewmien kunsiderevoli tat-titjira.** Fil-fatt, it-trasportatur li, fil-kuntest tal-attività tiegħu ta' trasport ta' passiġġieri, jieħu d-deċiżjoni li jwettaq titjira speċifika jikkostitwixxi t-trasportatur tal-ajru li jopera. B'hekk, dan it-trasportatur huwa meqjus li jaġixxi għan-nom tat-trasportatur kuntrattwali (Lufthansa). Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, enfasizzat li t-trasportatur tal-ajru li jopera (United Airlines), li huwa obbligat jikkumpensa lill-passiġġieri, iżomm id-dritt li jitlob kumpens mingħand kull persuna, inkluż minn terzi, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli.




Sentenza *United Airlines* tas-7 ta' April 2022 (C-561/20)




Wara dewmien ta' iktar minn tliet sigħat tat-titjira tagħhom minn New York lejn Budapest, numru ta' passiġġieri kienu ressqu l-każ tagħhom quddiem l-awtorità Ungeriża responsabbli għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru sabiex jiksbu l-ħlas, mingħand it-trasportatur LOT, tal-kumpens previst f'dan ir-regolament. Din l-awtorità effettivament ikkonstatat il-ksur tar-Regolament u obbligat lil LOT tħallas kumpens fl-ammont ta' EUR 600 lil kull passiġġier ikkonċernat. LOT ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem qorti Ungeriża. Din tal-aħħar għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi ddeterminat jekk l-awtorità inkwistjoni setgħetx tobbliga lil trasportatur tal-ajru jħallas kumpens jew jekk din il-prerogattiva kinitx irriżervata għall-qrati nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-**awtorità nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tar-Regolament setgħet, wara lmenti individwali, tobbliga lil trasportatur iħallas kumpens lill-passiġġieri** kemm-il darba l-Istat Membru kkonċernat jkun ta din il-kompetenza lil din l-awtorità.

Sentenza *LOT (Kumpens impost mill-awtorità amministrattiva)* tad-29 ta' Settembru 2022 (C-597/20)



F'kawża dwar talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti Litwana, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva dwar l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-prodotti li, minħabba li jidhru li jkunu xi ħaġa oħra milli fil-fatt ikunu, jipperikolaw is-saħħa jew is-sigurtà tal-konsumaturi. F'dan il-każ, kienu involuti diversi tipi ta' bombi tal-banju effervexxenti li kellhom id-dehra ta' prodotti tal-ikel u li kienu jimplikaw ir-riskju ta' avvelenament għall-konsumaturi, b'mod partikolari għat-tfal. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **Stat Membru jista'**, taħt ċerti kundizzjonijiet, **jillimita d-distribuzzjoni ta' prodotti kożmetiċi li jkunu jistgħu jiġu konfużi ma' prodotti tal-ikel minħabba li jkollhom id-dehra ta' dawn tal-aħħar u li għalhekk ikunu jistgħu jimplikaw riskji għas-saħħa**. Hija speċifikat li l-interess li jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi jista' jipprevali fuq id-dritt li jiġu kkummerċjalizzati ċerti prodotti kożmetiċi.

Sentenza *Get Fresh Cosmetics* tat-2 ta' Ġunju 2022 (C-122/21)

## Ugwaljanza fit-trattament

**Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tistabbilixxi l-ugwaljanza quddiem il-liġi tal-individwi kollha bħala bnedmin, ħaddiema, ċittadini jew partijiet fi proċedura ġudizzjarja. Id-Direttiva 2000/78, b'mod partikolari, tiżgura qafas ġenerali favur l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, filwaqt li tipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fuq diżabbiltà, fuq l-età jew l-orjentament sesswali. Il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet diversi kawżi dwar dawn il-preżunzjonijiet ta' diskriminazzjoni, diretta jew indiretta, filwaqt li tenfasizza l-osservanza dovuta lill-prinċipju ta' proporzjonalità bejn l-għan imfittex mir-regoli kkontestati u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija ta' trattament ugwali u ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi**

Ara l-video fuq YouTube

F'kawża għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonċerna l-**benefiċċji ta' sigurtà soċjali tal-impjegati domestiċi** mad-Direttiva tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Is-sistema speċjali ta' sigurtà soċjali Spanjola applikabbli għall-impjegati domestiċi ma kinitx tinkludi l-protezzjoni kontra l-qgħad. Filwaqt li osservat li l-impjegati domestiċi huma prinċipalment persuni tas-sess femminil, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva tipprekludi din l-esklużjoni li tqiegħed fi żvantaġġ, b'mod partikolari, lill-ħaddiema nisa meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel u li għalhekk tikkostitwixxi **diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess**. Barra minn hekk, din id-diskriminazzjoni ma hijiex iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u distakkati minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq dan il-kriterju.




Sentenza *TGSS (Qgħad tal-impjegati domestiċi)* tal-24 ta' Frar 2022 (C-389/20)



Fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti Portugiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kalkolu tal-**kumpens fir-rigward tal-leave annwali mħallas mhux meħud** mad-Direttiva tal-Unjoni dwar ix-**xogħol temporanju**. Hija ddeċidiet li l-metodu ta' kalkolu ta' dan il-kumpens u tal-bonus tal-vaganzi korrispondenti previst fis-sistema speċjali applikabbli għall-ħaddiema temporanji kien jimplika żvantaġġ għalihom mill-perspettiva tan-numru ta' jiem ta' leave mħallas u tal-ammont tal-bonus. Il-kumpens inkwistjoni **għandu jkun minn tal-inqas ugwali għal dak li kien jingħata lill-ħaddiema li kieku kienu rreklutati direttament mill-impriża li tuża s-servizzi tagħhom** sabiex jokkupaw, fi ħdan din l-impriża, pożizzjoni għall-istess perijodu ta' żmien.

Sentenza *Luso Temp* tat-12 ta' Mejju 2022 (C-426/20)

It-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża għamel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-espressjoni "ir-reliġjon jew it-twemmin", li tinsab fid-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, għandhiex tiġi interpretata bħala li tirreferi għal żewġ aspetti tal-istess kriterju protett jew, għall-kuntrarju, bħala li tirreferi għal żewġ kriterji distinti. Huwa staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja wkoll jekk il-projbizzjoni tal-ilbies ta' velu, prevista fir-regolament intern ta' kumpannija, tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon. It-tilwima kienet tikkonċerna l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-applikazzjoni spontanja mressqa minn L.F., żagħżugħa ta' reliġjon Musulmana, wara li din tal-aħħar kienet indikat, matul intervista, li ma kinitx lesta tneħħi l-velu tagħha kif kienet tipprevedi l-politika ta' newtralità promossa f'dan ir-regolament intern.



Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-**reliġjon u t-twemmin** (b'mod partikolari filosofiċi jew spiritwali) **jikkostitwixxu l-istess raġuni waħda ta' diskriminazzjoni. B'dan premess, ir-regola interna ta' impriża li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' sinjali reliġjużi, filosofiċi jew spiritwali ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta jekk tiġi applikata b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni għall-ħaddiema kollha**. Madankollu, din ir-regola tista' timplika diskriminazzjoni indiretta jekk jiġi stabbilit li l-obbligu ta' dehra newtrali li jirriżulta minnha jwassal, fil-fatt, sabiex iqiegħed fi żvantaġġ partikolari lill-persuni li jħaddnu reliġjon jew twemmin partikolari. Madankollu, din id-diskriminazzjoni indiretta tista' tkun iġġustifikata, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal raġuni leġittima. Fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ġustifikazzjoni, il-qorti nazzjonali tista' tagħti, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi diverġenti, iktar importanza lill-interessi marbuta mar-reliġjon jew mat-twemmin milli lil dawk li jirriżultaw, b'mod partikolari, mil-libertà ta' intrapriża, kemm-il darba dan jirriżulta mid-dritt intern tagħha.

Sentenza *S.C.R.L. (Ħwejjeġ b'konnotazzjoni reliġjuża)* tat-13 ta' Ottubru 2022 (C-344/20)




Qorti Taljana staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, tal-**limitu ta' età ta' 30 sena**, previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħala **limitu massimu għall-ammissjoni għall-kompetizzjoni pubblika għar-reklutaġġ ta' kummissarji tal-pulizija**. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan il-limitu jikkostitwixxi **differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età,** filwaqt li ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali sabiex tivverifika jekk din id-differenza hijiex iġġustifikata minn bżonn professjonali essenzjali u determinanti, bħalma huwa r-rekwiżit ta' kapaċitajiet fiżiċi partikolari marbuta mal-funzjonijiet effettivament eżerċitati minn kummissarju tal-pulizija. Hija wkoll il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan l-istess limitu jkollux għan leġittimu u jekk ikunx proporzjonat ma' dan l-għan, filwaqt li tevalwa b'mod partikolari jekk l-eżami eliminatorju tal-kundizzjoni fiżika previst bħala parti mill-kompetizzjoni jkunx miżura xierqa u inqas oneruża.

Sentenza *Ministero dell'Interno (Limitu ta' età għar-reklutaġġ ta' kummissarji tal-pulizija)* tas-17 ta' Novembru 2022 (C-304/21)

A kienet ġiet eletta bħala presidenta ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema fl-1993. Din il-funzjoni pubblika, ibbażata fuq il-fiduċja, kellha madankollu ċerti elementi karatteristiċi ta' xogħol: A kienet impjegata full-time, kienet tirċievi salarju mensili u l-Liġi dwar il-leave mħallas kienet tapplika għaliha. A kienet tiġi eletta mill-ġdid kull erba' snin u eżerċitat il-funzjonijiet ta' presidenta ta' din l-organizzazzjoni sal-2011, meta laħqet l-età ta' 63 sena u b'hekk qabżet il-limitu ta' età previst sabiex tippreżenta ruħha għall-elezzjoni għall-presidenza li kienet ippjanata li ssir fl-istess sena. Il-qorti Daniża adita b'rikors mil-Ligebehandlingsnævnet (il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza fit-Trattament), li kienet qiegħda taġixxi għan-nom ta' A kontra HK/Danmark u HK/Privat, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva dwar l-**ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg** u tax-xogħol kinitx tapplika għal din is-sitwazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **limitu ta' età previst fl-istatuti ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema sabiex persuna tkun eliġibbli għall-pożizzjoni ta' president jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva**. La n-natura politika ta' tali pożizzjoni u lanqas il-metodu ta' reklutaġġ (elezzjoni) ma għandhom effett fuq l-applikazzjoni tagħha f'dan il-kuntest.



Sentenza *HK/Danmark u HK/Privat* tat-2 ta' Ġunju 2022 (C-587/20)

## Familja

**L-Unjoni Ewropea tistabbilixxi regoli għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, bil-għan li ċ-ċittadini Ewropej u b'mod partikolari l-familji tagħhom ma jkunux imfixkla fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom minħabba li jgħixu fi Stati Membri differenti tal-Unjoni jew minħabba li jkunu iċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor matul il-ħajja tagħhom. B'din l-istess idea, ir-Regolament "Brussell IIa" jirregola l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-Unjoni fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri.**

Fil-kuntest ta' kawża għal deċiżjoni preliminari dwar it-**trasferiment tar-residenza ta' wild** mill-Isvezja lejn ir-Russja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti ta' Stat Membru ma tibqax kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar il-kustodja ta' wild abbażi tar-Regolament "Brussell IIa" meta r-residenza abitwali tal-wild tkun is-suġġett, legalment, ta' trasferiment, matul il-proċedura, lejn it-territorju ta' Stat terz li huwa Parti fil-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996.

Sentenza CC (Trasferiment tar-residenza abitwali tal-wild lejn Stat terz) tal-14 ta' Lulju 2022 (C-572/21)





L-awtoritajiet Ġermaniża kienu rrifjutaw lil ċittadina tal-Unjoni, li ma kellhiex in-nazzjonalità Ġermaniża, il-**ħlas ta' allowances tal-familja** matul l-ewwel tliet xhur wara l-istabbiliment tar-residenza tagħha fil-Ġermanja. Dan ir-rifjut kien ibbażat fuq il-fatt li din il-persuna ma kellhiex dħul fil-Ġermanja. Peress li dan ir-rekwiżit ma kienx applikat għaċ-ċittadini Ġermaniżi li jmorru lura wara soġġorn fi Stat Membru ieħor, iċ-ċittadina tal-Unjoni kkontestat dan ir-rifjut quddiem qorti Ġermaniża, li għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din tal-aħħar iddeċidiet li tali **differenza fit-trattament tikkostitwixxi diskriminazzjoni pprojbita** mid-dritt tal-Unjoni. Hija madankollu enfasizzat li mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirriżulta li, għall-kuntrarju tal-każ fejn (bħal f'din il-kawża) il-persuna tistabbilixxi r-residenza abitwali tagħha fl-Istat Membru kkonċernat, soġġorn li jkun biss temporanju ma huwiex biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata din l-ugwaljanza fit-trattament.

Sentenza *Familienkasse Niedersachsen-Bremen* tal-1 ta' Awwissu 2022 (C-411/20)

F'Jannar 2019, l-**Awstrija implimentat mekkaniżmu ta' aġġustament għall-kalkolu tal-ammont fiss tal-allowances tal-familja u ta' dak ta' diversi vantaġġi fiskali** li hija kienet tagħti lill-ħaddiema, li wliedhom kienu jirrisjedu b'mod permanenti fi Stat Membru ieħor. L-aġġustament seta' jimplika żieda jew tnaqqis skont il-livell ġenerali tal-prezzijiet fl-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni qieset li dan il-mekkaniżmu ta' aġġustament u d-differenza fit-trattament li kienet tirriżulta minnu prinċipalment għall-ħaddiema migranti meta mqabbla maċ-ċittadini Awstrijaki, kienu jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Hija għalhekk ippreżentat, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Awstrija. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan il-mekkaniżmu ta' aġġustament, li kien jieħu inkunsiderazzjoni l-Istat ta' residenza tal-ulied tal-ħaddiema, kien imur kontra d-dritt tal-Unjoni sa fejn **kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta mhux iġġustifikata, ibbażata fuq in-nazzjonalità tal-ħaddiema migranti**.



Sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* tas-16 ta' Ġunju 2022 (C-328/20)

## Data personali

**L-Unjoni Ewropea adottat leġiżlazzjoni li tikkostitwixxi bażi solida u konsistenti għall-protezzjoni tad-data personali, irrispettivament mill-mod u mill-kuntest tal-ġbir, taż-żamma, tal-ipproċessar u tat-trasferiment ta' din id-data. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura li d-data personali pproċessata jew miżmuma tkun limitata għal dak li jkun strettament meħtieġ, mingħajr indħil sproporzjonat fid-dritt għall-ħajja privata.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dinja diġitali**

Ara l-video fuq YouTube

Proximus, fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet fil-Belġju, huwa wkoll l-editur ta' **direttorji** li fihom l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-abbonati tad-diversi fornituri ta' servizzi telefoniċi jkunu **aċċessibbli għall-pubbliku**. Dawn id-dettalji jingħataw lil Proximus mill-operaturi, ħlief fil-każ li l-abbonat ikun indika li ma jixtieqx jidher fid-direttorji. Fil-kuntest ta' talba għall-**irtirar tal-kunsens ta' abbonat,** qorti Belġjana għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-obbligi ta' Proximus, bħala l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **dan il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jinforma lill-kontrolluri responsabbli l-oħra dwar l-irtirar tal-kunsens tas-suġġett tad-data**. Dawn il-kontrolluri responsabbli l-oħra huma dawk li jkunu għaddewlu din id-data jew li lilhom ikun ittrażmetta tali data. Il-kontrollur responsabbli huwa obbligat ukoll jieħu miżuri raġonevoli sabiex **jinforma lill-operaturi ta' magni tat-tiftix fuq l-internet dwar it-talba għal tħassir** imressqa mis-suġġett tad-data.




Sentenza *Proximus (Direttorji elettroniċi pubbliċi)* tas-27 ta' Ottubru 2022 (C-129/21)



Il-Qorti tal-Ġustizzja, għal darba oħra, tat deċiżjoni dwar il-possibbiltà għall-Istat li jobbliga lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi **jżommu b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni d-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni**. Hija speċifikat li, anki jekk, kif kienet tipprevedi liġi Ġermaniża, id-data dwar it-traffiku tinżamm biss għal għaxar ġimgħat u d-data dwar il-lokalizzazzjoni għal erba' ġimgħat biss, il-volum kunsiderevoli ta' data miġbura jippermetti xorta waħda li jiġi stabbilit il-profil komplet tas-suġġetti tad-data. **Dan l-indħil gravi fil-ħajja privata jista' jiġi aċċettat biss fil-każ ta' theddida gravi u attwali għas-sigurtà nazzjonali, b'mod partikolari fil-każ ta' theddida terroristika**. Fl-assenza ta' tali theddid, l-awtoritajiet ta' sigurtà għandhom miżuri oħra għall-ġlieda kontra l-kriminalità, bħalma hija ż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP (jiġifieri numru ta' identifikazzjoni mogħti lil tagħmir imqabbad man-network tal-internet), iż-żamma mmirata u ż-żamma rapida (imsejħa "quick freeze", li tirriżulta minn ordni li tinżamm temporanjament id-data attwalment ipproċessata u maħżuna).

Sentenza *SpaceNet et* tal-20 ta' Settembru 2022 (Kawżi magħquda C-793/19 u C-794/19)

Il-Ligue des droits humains (LDH) hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li kienet ippreżentat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana, f'Lulju 2017, rikors għall-annullament tal-Liġi tal-25 ta' Diċembru 2016 li tittrasponi fid-dritt Belġjan id-Direttiva PNR (dwar l-użu tad-data tal-fajls tal-passiġġieri tal-ajru), id-Direttiva API (dwar l-obbligu tat-trasportaturi li jikkomunikaw id-data tal-passiġġieri) u d-Direttiva 2010/65 (dwar il-formalitajiet applikabbli għall-bastimenti mad-dħul u/jew mal-ħruġ mill-portijiet tal-Istati Membri). Skont il-LDH, din il-liġi kienet tmur kontra d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, iggarantiti fid-dritt Belġjan u fid-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-rispett tad-drittijiet fundamentali jeżiġi limitazzjoni tas-setgħat previsti fid-Direttiva PNR għal dak li huwa strettament neċessarju. Hija qieset li, **fl-assenza ta' theddida terroristika reali u attwali** jew prevedibbli li jkun qiegħed jaffaċċja Stat Membru, id-dritt tal-Unjoni **jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-trasferiment u l-ipproċessar tad-data PNR tat-titjiriet fi ħdan l-Unjoni u tat-trasporti mwettqa b'mezzi oħra fi ħdan l-Unjoni**.



Sentenza *Ligue des droits humains* tal-21 ta' Ġunju 2022 (C-817/19)

Il-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tad-Direttiva u tar-Regolament dwar l-abbuż tas-suq. Il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali inkwistjoni kienu jobbligaw lill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu għal finijiet preventivi, b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni, id-data dwar it-traffiku għal perijodu ta' sena mill-jum tar-reġistrazzjoni. Dawn il-miżuri kienu intiżi li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra r-reati ta' abbuż tas-suq, fosthom l-abbużi minn informazzjoni privileġġjata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-**dritt tal-Unjoni ma jawtorizzax żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati ta' abbuż tas-suq** u, b'mod partikolari, l-abbużi minn informazzjoni privileġġjata. Il-miżuri li jipprevedu din iż-żamma jmorru lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju u ma jistgħux jitqiesu li huma ġġustifikati f'soċjetà demokratika.



Sentenza *VD u SR* tal-20 ta' Settembru 2022 (Kawżi magħquda C-339/20 u C-397/20)

## Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

**L-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bla fruntieri interni huwa bbażat fuq diversi aspetti: il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fil-qasam ċivili u f'dak kriminali, il-kooperazzjoni mill-pulizija, il-kontroll mal-fruntieri esterni, l-ażil u l-immigrazzjoni. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri tieħu l-forma, b'mod partikolari, tal-mandat ta' arrest Ewropew, deċiżjoni ġudizzjarja ta' Stat Membru intiża għall-arrest ta' persuna mfittxija fi Stat Membru ieħor u għall-konsenja tagħha minħabba proċedura kriminali jew għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà. Fir-rigward tal-ażil, id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni bla Stat għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali (id-Direttiva dwar ir-refuġjati). Il-Qorti tal-Ġustizzja regolarment tintalab tispeċifika l-portata tar-regoli applikabbli.**




Fil-kuntest tal-kriżi migratorja, l-Awstrija introduċiet mill-ġdid kontroll mal-fruntieri tagħha mal-Ungerija u mas-Slovenja b'effett minn nofs Settembru. Sussegwentement, dan il-kontroll ġie estiż diversi drabi. Qorti Awstrijaka, li quddiemha ċittadin kien qiegħed jikkontesta dan il-kontroll, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' dan il-kontroll mad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, **fil-każ ta' theddida gravi għall-ordni pubbliku tiegħu jew għas-sigurtà interna tiegħu, Stat Membru jista' jintroduċi mill-ġdid kontroll mal-fruntieri tiegħu** ma' Stati Membri oħra, iżda dan mingħajr ma jaqbeż **perijodu totali massimu ta' sitt xhur**. Huwa biss fil-każ li timmaterjalizza theddida gravi ġdida li jista' jkun iġġustifikat li tiġi applikata mill-ġdid tali miżura.

Sentenza *Landespolizeidirektion Steiermark et (Tul massimu tal-kontroll mal-fruntieri interni)* tas-26 ta' April 2022 (C-368/20)

F'Ġunju 2016, l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani ħarġu **mandat ta' arrest Ewropew** kontra KL, ċittadin Taljan residenti fi Franza, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija ta' tnax-il sena u sitt xhur. Din il-piena kienet tikkorrispondi għall-akkumulazzjoni ta' erba' pieni imposti għal erba' reati mwettqa fl-Italja, fosthom dak ikklassifikat bħala "qerda u sakkeġġ". Il-Qorti tal-Appell ta' Angers (Franza) irrifjutat il-konsenja ta' KL lill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani għaliex tnejn mill-atti ma kinux jikkostitwixxu reat fi Franza. Fil-fatt, l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' "qerda u sakkeġġ" huma differenti fiż-żewġ Stati Membri kkonċernati: fid-dritt Taljan, dan ir-reat jikkonċerna l-atti ta' qerda u ta' degradazzjoni multipli, massivi, li jikkawżaw, b'mod partikolari, dannu għall-paċi pubblika, filwaqt li, fid-dritt Franċiż, il-fatt li tiġi pperikolata l-paċi pubblika permezz ta' distruzzjoni ta' massa ta' beni mobbli jew immobbli ma huwiex speċifikament inkriminanti. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **ma hijiex meħtieġa korrispondenza perfetta bejn l-elementi tar-reat ikkonċernat fl-Istat Membru emittenti u fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni**. L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, għalhekk, ma tistax tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għas-sempliċi raġuni li parti biss mill-fatti li jikkorrispondu għall-imsemmi reat fl-Istat Membru emittenti tikkostitwixxi wkoll reat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.



Sentenza *Procureur général près la cour d'appel d'Angers* tal-14 ta' Lulju 2022 (C-168/21)



Ċittadin Russu li, fl-età ta' sittax-il sena, żviluppa forma rara ta' kanċer tad-demm kien qiegħed jingħata kura fil-Pajjiżi l-Baxxi. It-trattament mediku tiegħu, li ma huwiex awtorizzat fir-Russja, jinvolvi b'mod partikolari l-amministrazzjoni ta' kannabis terapewtika sabiex jitnaqqas l-uġigħ. Il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li tittieħed **deċiżjoni ta' ritorn jew miżura ta' tneħħija** f'każ bħal dan. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-**dritt tal-Unjoni jipprekludi tali deċiżjoni jew miżura meta jkun hemm raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li r-ritorn ta' dan l-individwu ser jesponih**, minħabba li fil-pajjiż ta' destinazzjoni ma tkunx disponibbli kura adegwata għat-tnaqqis tal-uġigħ, **għar-riskju reali ta' żieda sinjifikattiva, irrimedjabbli u rapida tal-uġigħ marbut mal-marda gravi tiegħu**, li jkun imur kontra d-dinjità umana.

Sentenza *Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Tneħħija – Kannabis terapewtika)* tat-22 ta' Novembru 2022 (C-69/21)



Fl-2019, I, ċittadin Eġizzjan, talab il-**protezzjoni internazzjonali** fil-Greċja meta kien għadu minuri. Fl-applikazzjoni tiegħu, huwa indika li xtaq jingħaqad maz-ziju tiegħu, S, li kien ukoll ċittadin Eġizzjan u li kien jirrisjedi legalment fil-Pajjiżi l-Baxxi. Is-Segretarju tal-Istat tal-Pajjiżi l-Baxxi ċaħad it-talba għat-teħid ta' responsabbiltà għal I mressqa mill-awtoritajiet Griegi, għar-raġuni li l-identità ta' I u, għalhekk, ir-rabta ta' parentela allegata ma' S ma setgħux jiġu stabbiliti. Is-Segretarju tal-Istat ċaħad ukoll l-ilment ta' I u ta' S bħala manifestament inammissibbli għar-raġuni li r-Regolament Dublin III ma jipprevedix il-possibbiltà, għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, li jikkontestaw deċiżjoni ta' rifjut ta' teħid ta' responsabbiltà adottata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Meta din iċ-ċaħda ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag (il-Pajjiżi l-Baxxi), din tal-aħħar għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja, li rrispondiet li r-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jeżiġi l-għoti ta' **dritt għal rimedju ġudizzjarju lill-minuri mhux akkumpanjat kontra deċiżjoni ta' rifjut ta' teħid ta' responsabbiltà**. Għall-kuntrarju, il-qarib ta' dan il-minuri ma jibbenefikax minn tali dritt għal rimedju.

Sentenza *Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Rifjut ta' teħid ta' responsabbiltà għal minuri Eġizzjan mhux akkumpanjat)* tal-1 ta' Awwissu 2022 (C-19/21)

## Salvataġġ fil-baħar

**Fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ fil-baħar, qamet il-kwistjoni tal-portata tas-setgħat tal-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-port għall-finijiet tal-kontroll tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà marittima u ambjentali.**

**Sea Watch** hija organizzazzjoni umanitarja Ġermaniża li teżerċita **attività sistematika ta' riċerka u ta' salvataġġ ta' persuni fil-Baħar Mediterran** permezz ta' numru ta' bastimenti. Wara operazzjonijiet ta' salvataġġ imwettqa fl-2020, tnejn mill-bastimenti tagħha kienu s-suġġett ta' spezzjonijiet u ta' miżuri ta' detenzjoni min-naħa tal-kaptani tal-portijiet ta' Palermo u ta' Porto Empedocle (l-Italja), li ġew ikkontestati minn Sea Watch. Qorti Taljana talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkjarifika l-portata tas-setgħat ta' kontroll u ta' detenzjoni tal-Istat tal-port fir-rigward ta' bastimenti operati mill-organizzazzjonijiet umanitarji. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **dawn il-bastimenti jistgħu jkunu s-suġġett ta' kontroll mill-Istat tal-port**. Madankollu, dan tal-aħħar jista' jadotta **miżuri ta' detenzjoni biss fil-każ ta' riskju manifest għas-sigurtà, għas-saħħa jew għall-ambjent**, riskju li għandu jiġi stabbilit mill-Istat tal-port. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll l-importanza tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li jipprovdi li l-Istati Membri, jiġifieri dak li jkun l-Istat tal-port u dak li jkun l-Istat tal-bandiera, għandhom l-obbligu li jikkooperaw u li jiftiehmu dwar l-eżerċizzju tal-poteri rispettivi tagħhom.

Sentenza *Sea Watch* tal-1 ta' Awwissu 2022 (Kawżi magħquda C-14/21 u C-15/21)



## Aċċess għad-dokumenti

**It-trasparenza tal-ħajja pubbliku hija prinċipju ewlieni tal-Unjoni. Għaldaqstant, bħala prinċipju, kull ċittadin jew persuna ġuridika tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet. Madankollu, f'ċerti każijiet, dan l-aċċess jista' jiġi miċħud.**




Agrofert hija kumpannija holding Ċeka li kienet inizjalment inkorporata minn **Andrej Babiš, li kien il-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka bejn l-2017 u l-2021**. F'riżoluzzjoni, il-Parlament Ewropew iddikjara li A. Babiš kien għadu jikkontrolla l-grupp Agrofert, inkluż wara l-ħatra tiegħu bħala Prim Ministru. Peress li qieset li din id-dikjarazzjoni ma kinitx korretta u peress li xtaqet tkun taf is-sorsi u l-informazzjoni miżmuma mill-Parlament, Agrofert ressqet talba għal aċċess għal diversi dokumenti. Fit-tweġiba tiegħu, il-**Parlament** identifika ċerti dokumenti bħala li huma pubblikament aċċessibbli u **rrifjuta l-aċċess** għal ittra tal-Kummissjoni lill-Prim Ministru Ċek u għal rapport imfassal mill-Kummissjoni. Adita b'rikors ippreżentat minn Agrofert kontra din id-deċiżjoni tal-Parlament, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-validità tagħha. Il-**Qorti Ġenerali kkonstatat it-tmiem tal-interess ġuridiku tal-kumpannija Agrofert kontra d-deċiżjoni li tirrifjuta li tagħtiha aċċess għar-rapport,** li sadanittant kien ġie kkomunikat lilha, u **ċaħdet ir-rikors kontra d-deċiżjoni li tirrifjuta li tagħtiha aċċess** għall-ittra indirizzata lill-Prim Ministru, għar-raġuni li l-iżvelar tagħha seta' jippreġudika l-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni.

Sentenza *Agrofert vs Il-Parlament* tat-28 ta' Settembru 2022 (T-174/21)

## Kompetizzjoni u għajnuna mill-istat

**L-Unjoni Ewropea tapplika regoli għall-finijiet tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni ħielsa. Il-prattiki li għandhom bħala għan jew bħala effett li jipprekludu, li jillimitaw jew li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern huma pprojbiti. B'mod iktar preċiż, id-dritt tal-Unjoni jipprojbixxi ċerti ftehimiet jew skambji ta' informazzjoni bejn impriża u l-kompetituri tagħha li jista' jkollhom tali għan jew tali effett kif ukoll l-isfruttament abbużiv ta' pożizzjoni dominanti, f'suq partikolari, minn impriża. F'din l-istess perspettiva, l-għajnuna mill-Istat hija bħala prinċipju pprojbita, ħlief meta tkun iġġustifikata u meta ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni li tmur kontra l-interess ġenerali.**

Fl-2009, il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 1.06 biljuni fuq **Intel Corporation** minħabba **abbuż mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq dinji tal-proċessuri** bejn l-2002 u l-2007. Fl-2014, il-Qorti Ġenerali kkonfermat din id-deċiżjoni. Intel appellat minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, fl-2017, annullatha minħabba **żball ta' liġi**. Il-Qorti Ġenerali kienet żbaljat meta kkonstatat biss li t-tnaqqis kontenzjuż kellu min-natura tiegħu l-kapaċità li jillimita l-kompetizzjoni, mingħajr ma analizzat jekk dan it-tnaqqis kellux konkretament dan l-effett. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid. Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar 2022, il-Qorti Ġenerali qieset li l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità tat-tnaqqis kontenzjuż li joħloq restrizzjoni tal-kompetizzjoni ma kinitx kompleta u għalhekk annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fir-rigward tal-impatt ta' tali annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata fuq l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni fuq Intel, il-Qorti Ġenerali qieset li ma kinitx f'pożizzjoni li tidentifika l-ammont tal-multa marbut esklużivament mar-restrizzjonijiet mhux moħbija. Għalhekk, hija **annullat fl-intier tiegħu** l-artikolu tad-deċiżjoni kkontestata li jimponi fuq Intel **multa fl-ammont ta' EUR 1.06 biljuni** fir-rigward tal-ksur ikkonstatat.




Sentenza *Intel Corporation vs Il-Kummissjoni* tas-26 ta' Jannar 2022 (T-286/09 RENV)



Fis-27 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li l-kumpanniji Scania AB, Scania CV AB u Scania Deutschland GmbH, tliet entitajiet tal-**grupp Scania** attivi fil-produzzjoni u fil-bejgħ ta' trakkijiet kbar intiżi għat-trasport fuq distanzi twal, kienu kisru d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni akkużat lil dawn il-kumpanniji li kienu ħadu sehem, flimkien mal-kompetituri tagħhom, bejn Jannar 1997 u Jannar 2011, **f'akkordji dwar is-suq tat-trakkijiet medji u tqal** fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Din id-deċiżjoni kienet ġiet adottata wara proċedura msejħa "ibrida", li torbot il-proċedura ta' ftehim bonarju u l-proċedura amministrattiva ordinarja fil-qasam tal-akkordji. Il-proċedura ta' ftehim bonarju tippermetti lill-partijiet fil-każijiet ta' akkordju jirrikonoxxu r-responsabbiltà tagħhom u jirċievu, minħabba f'hekk, tnaqqis fl-ammont tal-multa imposta. Il-kumpanniji tal-grupp Scania kienu kkonfermaw lill-Kummissjoni r-rieda tagħhom li jieħdu sehem f'diskussjonijiet bil-għan li jintlaħaq ftehim bonarju. Madankollu, iktar tard huma kienu rtiraw minn din il-proċedura. Il-Kummissjoni għalhekk adottat deċiżjoni dwar ftehim bonarju fir-rigward tal-impriżi li kienu ressqu talba f'dan is-sens u kompliet l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpanniji tal-grupp Scania, li ġew suġġetti għal multa ta' EUR 880 523 000. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet fl-intier tiegħu r-rikors tal-kumpanniji tal-grupp kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, b'tali mod li l-**multa imposta mill-Kummissjoni nżammet fis-seħħ**.

Sentenza *Scania et vs Il-Kummissjoni* tat-2 ta' Frar 2022 (T-799/17)

Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajnuna għas-salvataġġ ta' EUR 36 660 000 mogħtija mir-Rumanija lill-**kumpannija tal-ajru Rumena TAROM**, li hija attiva prinċipalment fit-trasport nazzjonali u internazzjonali ta' passiġġieri, ta' merkanzija u ta' posta. Il-kumpannija tal-ajru Wizz Air Hungary ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Din tal-aħħar ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għar-raġuni li l-**għajnuna hija intiża li jiġu evitati d-diffikultajiet soċjali kkawżati minn interruzzjoni tas-servizzi tal-kumpannija tal-ajru Rumena** fid-dawl tal-istat ħażin tal-infrastruttura tat-toroq u tal-ferroviji Rumeni.




Sentenza *Wizz Air Hungary vs Il Kummissjoni* tal-4 ta' Mejju 2022 (T-718/20)

Il-Gvern tal-**Komunità Awtonoma ta' València** ta lill-Fundación Valencia, assoċjazzjoni marbuta mal-**klabb tal-futbol Valencia CF**, garanzija għal self bankarju ta' EUR 75 miljun, li permezz tiegħu akkwistat 70.6 % tal-azzjonijiet ta' Valencia CF. Iktar tard din il-garanzija ġiet miżjuda b'EUR 6 miljuni. Fl-2016, il-Kummissjoni qieset li dawn kienu għajnuna mill-Istat inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u ordnat l-irkupru tagħhom. Valencia CF ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali li, fl-2020, annullatha (T-732/16). Il-Kummissjoni għalhekk appellat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell billi kkonstatat li l-**Qorti Ġenerali ma kinitx imponiet fuq il-Kummissjoni oneru ta' prova eċċessiv u kienet ġustament ikkonstatat biss li dik l-istituzzjoni ma kinitx osservat ir-rekwiżit li kienet imponiet fuqha hija stess** meta adottat, fil-forma ta' komunikazzjoni, regoli dwar l-analiżi tal-garanziji offerti mill-Istati Membri.

Sentenza *Il-Kummissjoni vs Valencia Club de Fútbol* tal-10 ta' Novembru 2022 (C-211/20 P)



## Proprjetà intellettwali

**Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jiżguraw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata mill-Unjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet esklużivi kollha fuq ix-xogħlijiet intellettwali. Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali (drittijiet tal-awtur) u industrijali (dritt tat-trade marks, protezzjoni tad-disinni) ittejjeb il-kompetittività tal-impriżi billi tiffavorixxi ambjent li jinkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni. Id-dritt tal-Unjoni jipproteġi wkoll l-għarfien irrikonoxxut ta' prodott f'żona ġeografika tal-Unjoni permezz tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta (DOP).**

**Il-Proprjetà Intellettwali fil-Qorti Ġenerali**

Ara l-video fuq YouTube



L-isem "Feta" kien ġie rreġistrat bħala **denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)** fl-2002. Minn dak iż-żmien lil hawn, dan l-isem jista' jintuża biss għall-ġobon li joriġina minn żona ġeografika ristretta fil-Greċja u li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għal dan il-prodott. Id-Danimarka qieset li r-Regolament Nru 1151/2012 kien japplika biss għall-prodotti mibjugħa fl-Unjoni u ma kienx jikkonċerna l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. B'hekk, dan l-Istat Membru ma pprojbixxiex lill-produtturi tiegħu milli jesportaw il-prodotti tagħhom taħt l-isem "Feta". Il-Kummissjoni fetħet proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra d-Danimarka peress li qieset li din tal-aħħar kienet naqset milli twettaq l-obbligi li joħorġu mir-Regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regolament ma jeskludix il-prodotti għall-esportazzjoni mill-attivitajiet ipprojbiti minnu, b'mod partikolari l-ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali protett mid-DOP. Hija għalhekk ikkonstatat li d-**Danimarka** kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha billi naqset milli tipprekludi l-**użu tal-isem "Feta" għal ġobon** intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

Sentenza *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* tal-14 ta' Lulju 2022 (C-159/20)

F'Ġunju 2017, il-Gvern tal-**Prinċipat ta' Andorra** ppreżenta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' prodotti u ta' servizzi, is-sinjal figurattiv segwenti:

Andorra



Peress li l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) irrifjuta li jirreġistra din it-trade mark, il-Gvern tal-Prinċipat ta' Andorra ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Sabiex tkun tista' tiġi rreġistrata, trade mark tal-Unjoni ma għandux ikollha, b'mod partikolari, karattru deskrittiv, li jeskludi li din it-trade mark tkun sempliċi deskrizzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minnha. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li t-**trade mark Andorra għandha karattru deskrittiv**. Il-pubbliku rilevanti jista' jipperċepixxiha bħala indikazzjoni tal-provenjenza tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni. Din hija **raġuni assoluta għal rifjut** li tiġġustifika, waħedha, li s-sinjal ma jkunx jista' jiġi rreġistrat bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Sentenza *Govern d'Andorra vs EUIPO (Andorra)* tat-23 ta' Frar 2022 (T-806/19)




Il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tliet rikorsi ppreżentati minn **Apple Inc**. kontra d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li **rrevokaw ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali "THINK DIFFERENT"**. Fl-1997, fl-1998 u fl-2005, Apple Inc. kienet irreġistrat is-sinjal verbali "THINK DIFFERENT" bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari għal prodotti tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni. Fuq talba minn **Swatch AG**, filwaqt li kkonstata li t-trade marks inkwistjoni ma kinux is-suġġett ta' użu ġenwin għall-prodotti inkwistjoni matul perijodu mingħajr waqfien ta' ħames snin, l-EUIPO ddikjara r-revoka tat-trade marks inkwistjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-EUIPO: fil-fehma tagħha, kienet Apple Inc. li kellha tressaq prova tal-użu ġenwin ta' dawn it-trade marks għall-prodotti kkonċernati matul il-ħames snin qabel id-data tat-tressiq tat-talbiet għal revoka, prova li hija ma kienx irnexxielha tressaq.

Sentenzi *Apple vs EUIPO – Swatch (Think different)* tat-8 ta' Ġunju 2022 (Kawżi magħquda T-26/21, T-27/21 u T-28/21)




Fl-2017, il-kumpannija Brittanika **Golden Balls** ressqet quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) **talba għar-revoka tat-trade mark BALLON D'OR** peress li, fil-fehma tagħha, din it-trade mark ma kinitx intużat suffiċjentement għal ċerti prodotti u servizzi. It-trade mark BALLON D'OR kienet inizjalment irreġistrata favur il-**kumpannija Franċiża Les Éditions P. Amaury**, detentriċi tad-drittijiet marbuta mal-Ballon d'or (premju mogħti lill-aħjar plejer tal-futbol tas-sena). Fl-2021, l-EUIPO rrevoka din it-trade mark fir-rigward tal-parti l-kbira tal-prodotti u tas-servizzi li għalihom kienet ġiet irreġistrata. Adita b'rikors ippreżentat minn Les Éditions P. Amaury kontra d-deċiżjoni tal-EUIPO, il-Qorti Ġenerali annullat din id-deċiżjoni sa fejn tikkonċerna d-dikjarazzjoni ta' revoka għas-servizzi ta' divertiment. Għall-kuntrarju, il-**Qorti Ġenerali kkonfermat ir-revoka ta' din it-trade mark għas-servizzi li jikkonsistu fix-xandir jew fil-preparazzjoni ta' programmi tat-televiżjoni, fil-produzzjoni ta' spettakli jew ta' films u fil-pubblikazzjoni ta' kotba, rivisti jew ġurnali.**

Sentenza *Les Éditions P. Amaury vs EUIPO - Golden Balls (BALLON D'OR)* tas-6 ta' Lulju 2022 (T-478/21)

## Tassazzjoni

**Bħala prinċipju, it-taxxi diretti jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, dawn it-taxxi, bħalma hija pereżempju t-taxxa fuq il-kumpanniji, għandhom josservaw ir-regoli bażi tal-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat. B'hekk, id-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem ("tax rulings") ta' ċerti Stati Membri li jagħtu lil impriżi multinazzjonali trattament fiskali partikolari jkunu s-suġġett ta' kontrolli min-naħa tal-Kummissjoni u l-qorti tal-Unjoni tintalab tagħti deċiżjoni.**

Id-**deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem** huma deċiżjonijiet adottati, fuq talba minn impriżi, mill-amministrazzjoni fiskali ta' ċerti Stati Membri, li jiddeterminaw bil-quddiem it-taxxa li għaliha ser ikunu suġġetti dawn l-impriżi. **Fiat Chrysler Finance Europe**, li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, kienet kisbet mingħand l-awtoritajiet fiskali Lussemburgiżi deċiżjoni bil-quddiem li kienet ibbażata fuq metodu għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni ta' Fiat Chrysler Finance Europe, bħala kumpannija integrata, għas-servizzi pprovduti lill-kumpanniji l-oħra tal-grupp Fiat/Chrysler. Fl-2015, il-Kummissjoni qieset li din id-deċiżjoni bil-quddiem kienet tikkostitwixxi għajnuna għall-funzjonament inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Fiat Chrysler Finance Europe u l-Lussemburgu ppreżentaw rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali li, fl-2019, qablet mal-approċċ tal-Kummissjoni u ċaħdet ir-rikorsi. Fiat Chrysler Finance Europe u l-Irlanda kkontestaw, fir-rigward ta' diversi aspetti, l-analiżi magħmula mill-Qorti Ġenerali sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, u b'mod iktar partikolari mill-perspettiva tar-regoli applikabbli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni applikat **prinċipju ta' distakkament differenti minn dak iddefinit fid-dritt Lussemburgiż**, minkejja li, **fl-assenza ta' armonizzazzjoni dwar dan is-suġġett fid-dritt tal-Unjoni, huma biss id-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma rilevanti** għall-finijiet tal-analiżi ta' jekk tranżazzjonijiet partikolari għandhomx jiġu eżaminati fid-dawl tal-prinċipju ta' distakkament.




Sentenza *Fiat Chrysler Finance Europe vs Il Kummissjoni u L-Irlanda vs Il-Kummissjoni* tat-8 ta' Novembru 2022 (Kawżi magħquda C-885/19 P u C-898/19 P)

## L-istat tad-dritt

**Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-istess bħat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tagħmel riferiment espliċitu għall-Istat tad-dritt, wieħed mill-valur komuni għall-Istati Membri tal-Unjoni li fuqhom hija bbażata din tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda dejjem iktar tintalab tagħti deċiżjoni dwar l-osservanza tal-Istat tad-dritt mill-Istati Membri, kemm fil-kuntest ta' rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati kontrihom mill-Kummissjoni Ewropea u kemm fil-kuntest ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qrati nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għalhekk teżamina jekk dan il-valur fundatur huwiex osservat fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-poter ġudizzjarju u, b'mod iktar partikolari, fil-kuntest tal-proċess ta' ħatra jew tas-sistema dixxiplinari tal-membri tal-ġudikatura.**

**Id-Difiża tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea**

Ara l-video fuq YouTube

**Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – regoli vinkolanti b'impatt reali**

Ara l-video fuq YouTube



B'risposta għal domanda preliminari magħmula mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sempliċi fatt li membru tal-ġudikatura jkun inħatar fi żmien meta l-Istat Membru kkonċernat kien għadu ma jħaddanx sistema demokratika ma jdaħħalx inkwistjoni **l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dan il-membru tal-ġudikatura** fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji sussegwenti tiegħu. B'mod partikolari, iċ-ċirkustanzi li fihom saret l-ewwel ħatra ta' dan il-membru tal-ġudikatura ma jippermettux, fihom infushom, li jinħolqu dubji leġittimi u serji f'moħħ is-suġġetti tad-dritt.

Sentenza *Getin Noble Bank* tad-29 ta' Marzu 2022 (C-132/20)

## Miżuri restrittivi u politika estera

**Il-miżuri restrittiv jew "sanzjonijiet" jikkostitwixxu strument essenzjali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-Unjoni Ewropea. Huma jintużaw fil-kuntest ta' azzjoni integrata u globali li tinkludi b'mod partikolari djalogu politiku. L-Unjoni tużahom, b'mod partikolari, sabiex tħares il-valuri, l-interessi fundamentali u s-sigurtà tal-Unjoni, u sabiex tevita l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali. Fil-fatt, is-sanzjonijiet huma intiżi li jwasslu għal bidla fil-politika jew fl-aġir min-naħa tal-persuni jew tal-entitajiet koperti, bil-għan li jiġu promossi l-għanijiet tal-PESK.**

B'reazzjoni għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, f'Ottubru 2020, miżuri restrittivi kontra **Yevgeniy Viktorovich Prigozhin**, negozjant Russu li għandu relazzjonijiet mill-qrib mal-**grupp Wagner**, li huwa involut f'operazzjonijiet militari f'dan l-Istat. Id-deċiżjoni ġiet estiża f'Lulju 2021. Dawn il-miżuri kienu jikkonsistu fl-**iffriżar ta' fondi** tal-persuni li jipprovdu jew li jagħtu sostenn lil atti li jipperikolaw il-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà fil-Libja. Y. V. Prigozhin ippreżenta rikors kontra dawn il-miżuri quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jikseb l-annullament tagħhom. Il-**Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors**. Hija qieset, b'mod partikolari, li l-provi prodotti, bħalma huma estratti mir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u artikli fl-istampa (li jinkludu ritratti u dikjarazzjonijiet minn xhieda) li joriġinaw minn diversi sorsi bħalma huma aġenziji tal-istampa jew mezzi tal-komunikazzjoni, kienu jippermettu l-identifikazzjoni tal-grupp Wagner u kien fihom informazzjoni preċiża u konkordanti dwar l-**attivitajiet ta' dan il-grupp li jipperikolaw il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fil-Libja**. Il-provi fil-proċess kienu jinkludu wkoll elementi konkreti, preċiżi u konkordanti li jistabbilixxu d-diversi relazzjonijiet mill-qrib li Y. V. Progozhin kellu mal-grupp Wagner.



Sentenza *Prigozhin vs Il-Kunsill* tal-1 ta' Ġunju 2022 (T-723/20)



# 3

## 70 sena fis-servizz taċ-ċittadini
## u ta' Unjoni tad-dritt



# A Attività tal-istituzzjoni fl-2022

**Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarju Ġenerali tal-Istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President.**

Fl-4 ta' Diċembru 1952, l-ewwel Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar (KEFA) ħadu ġurament b'waħda mill-erba' lingwi uffiċjali tal-KEFA. Disa' membri – seba' Mħallfin u żewġ Avukati Ġenerali – li kienu jirrappreżentaw il-kulturi ġuridiċi ta' kull Stat Membru bil-għan li jiġi żgurat djalogu produttiv bejn it-tradizzjonijiet tagħhom, Reġistru ddedikat għall-funzjonament tajjeb tal-qorti, dipartiment lingwistiku li jiggarantixxi l-aċċess għall-ġustizzja Ewropea mingħajr barriera lingwistika u amministrazzjoni li tiżgura l-użu tajjeb tar-riżorsi pubbliċi fis-servizz tal-awtorità ġudizzjarja tal-KEFA: din hija deskrizzjoni, għalkemm b'mod ġenerali, ta' dak li kienet il-Qorti tal-Ġustizzja matul l-ewwel jiem tal-ħolqien tagħha.

70 sena iktar tard, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħares lura lejn il-vjaġġ tagħha u għandha tkun kburija li rnexxielha tevolvi maż-żmien, mingħajr qatt ma rrinunzjat għall-valuri fundaturi tagħha.

Iktar minn qatt qabel, illum li l-Qorti tal-Ġustizzja tat iktar minn 43 000 deċiżjoni sa mill-ħolqien tagħha, is-**sostenn għall-attività ġudizzjarja**

jibqa' jservi bħala boxxla għad-dipartimenti kollha tal-istituzzjoni.

F'dan ir-rigward, is-sena 2022 kienet sena importanti għat-teħid tal-ewwel passi fil-kuntest ta' wieħed mill-proġetti ewlenin tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-implimentazzjoni ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi, li għandha eventwalment tippermetti lill-qrati jaħdmu fil-kuntest ta' proċess kompletament diġitali, sigur u integrat, mit-tressiq tal-kawża sal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. Dan il-proġett, li għandu fil-qofol tal-filosofija tiegħu l-kwalità u l-ħeffa tal-ġustizzja, ser jitlesta fl-2024, wara diversi snin ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-qrati, ir-Reġistri u d-dipartimenti. Dan il-proġett ser ikun pass importanti fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-attività ġudizzjarja, li nbeda diversi snin ilu bl-implimentazzjoni tal-applikazzjoni e Curia, u ser jikkostitwixxi evidenza ġdida, li kieku kienet meħtieġa tali evidenza, tal-ħeffa li biha ġiet adottata l-innovazzjoni teknoloġika, li hija indikazzjoni ta' effiċjenza u ta' progress.

Fl-istess ħin, għanijiet strateġiċi oħra komplew jiggwidaw il-pjan ta' ħidma tal-istituzzjoni. F'dan il-kuntest, fl-2022 inbdew proġetti importanti, li wħud minnhom mingħajr dubju jirriflettu l-prinċipji ta' gwida li mexxew l-azzjoni tal-istituzzjoni sa mill-ħolqien tagħha.

Fost dawn il-prinċipji, li ilhom imħaddna mill-istituzzjoni matul dawn l-aħħar seba' deċennji, hemm ir-riċerka ta' persunal bl-ogħla livelli ta' kompetenzi u ta' professjonaliżmu, mill-Istati Membri kollha. Poliglotti, bi kwalifiki għolja u kompletament iddedikati fis-servizz tal-proġett ta' Ewropa tal-Ġustizzja, il-membri tal-persunal huma fil-qofol tal-proġett ta' massimizzazzjoni tal-valur



u ta’ żamma tat-talent implimentat mill-istituzzjoni. F’dan id-dawl, fl-2022, il-Qorti tal-Ġustizzja nediet **inizjattiva globali għat-tisħiħ tal-aċċessibbiltà u tal-inklużjoni**, intiża li tiffavorixxi r-reklutaġġ, l-integrazzjoni u l-benesseri tal-kollegi b’diżabbiltà u, b’hekk, li tippermetti lil kull individwu jesprimi kompletament il-kompetenzi tiegħu. Din l-inizjattiva, li timplika l-parteċipazzjoni tal-istituzzjoni kollha, għandha wkoll l-ambizzjoni li tiggarantixxi l-aċċess għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fiżikament jew virtwalment, għas-suġġetti tad-dritt, għall-atturi fil-proċedura u għall-viżitaturi kollha.

Ir-rieda li tibqa’ viċin iċ-ċittadini, kif ukoll li tiffaċilita l-**qrubija lejn il-pubbliku ġenerali**, ilha tinfluwenza wkoll, għal żmien twil, il-politika ta’ komunikazzjoni u ta’ informazzjoni tal-istituzzjoni. F’din is-sena ta’ anniversarju, numru ta’ inizjattivi, bħal pereżempju l-proġett f’fażi ta’ test ta’ streaming tas-seduti, iffavorixxew din il-qrubija u huma ppreżentati f’dawn il-paġni. Abbażi tal-esperjenza miksuba matul il-pandemija, l-istituzzjoni barra minn hekk għamlet permanenti programm ta’ żjarat mill-bogħod, maħsub għall-istudenti tal-Istati Membri. Dan il-programm jippermettilhom iżuru l-binjiet tal-istituzzjoni, isegwu preżentazzjonijiet u jiddiskutu direttament ma’ Membru, bil-lingwa tagħhom, mingħajr ma joħorġu mill-klassi tagħhom. Din l-inizjattiva entużjażmanti, li fiha diġà pparteċipaw mijiet ta’ studenti f’diversi Stati Membri, b’hekk toffri lil żgħażagħ, li sa issa kienu miżmuma l-bogħod mill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba kunsiderazzjonijiet marbuta ma’ distanza, ma’ spejjeż u ma’ diffikultajiet ta’ vjaġġar, possibiltajiet ġodda sabiex iżuruna u jifhmu aħjar ir-rwol tal-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni.

Bħal kull sena, il-lista tal-proġetti konklużi fl-2022 hija kemm twila kif ukoll diversifikata, b’tali mod li nistgħu nkomplu nelenkawhom. Madankollu, iktar mill-proġetti konklużi matul is-sena, hija l-kapaċità tal-Qorti tal-Ġustizzja li tassumi s-sehem ta’ responsabbiltà tagħha fil-kuntest diffiċli li għaddejja minnu l-Ewropa li tesprimi bl-aħjar mod il-kultura u l-valuri ta’ din l-organizzazzjoni.





F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja eżerċitat b'mod sħiħ ir-rwol tagħha meta ospitat il-Qorti Suprema tal-Ukraina sabiex tiffavorixxi l-ħolqien ta' ġustizzja msejsa fuq il-paċi u l-progress, meta fetħet b'mod eċċezzjonali s-Sala Prinċipali tagħha sabiex tfakkar, permezz ta' xogħol teatrali, il-memorja ta' Mħallfin li ssagrifikaw ħajjithom sabiex jipproteġu l-Istat tad-dritt, evokat kontinwament fil-ġurisprudenza tagħna, meta użat it-teknoloġiji kollha disponibbli sabiex tiltaqa' ma' dawk li jinsabu mbiegħda minnha jew meta implimentat sforzi sabiex kull individwu jsib il-post tiegħu u jkun jista' jevolvi fi ħdan l-istituzzjoni, bi spirtu ta' ugwaljanza u ta' inklużjoni.

Fl-2022, fil-Qorti tal-Ġustizzja, bħal bnadi oħra, is-sħana u d-dwal tbaxxew sabiex nikkontribwixxu għall-isforz li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija: il-fjamma li tħeġġeġ il-missjoni tagħna, iżda, qatt ma kienet iktar intensa!

**Alfredo Calot Escobar**

Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

# B L-avvenimenti prinċipali tas-sena

## Is-70 sena tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: ħarsa lejn sena li fiha fakkarna dan l-anniversarju

"Ġustizzja qrib iċ-ċittadin"

L-istituzzjoni ċċelebrat is-70 anniversarju tagħha matul is-sena 2022 kollha b'tema komuni, "Ġustizzja qrib iċ-ċittadin". Iċ-ċelebrazzjonijiet servew ta' stedina sabiex nagħtu ħarsa lejn il-mixja tal-istituzzjoni sa mit-tqegħid tal-ewwel ġebla mill-missirijiet fundaturi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar (KEFA) fl-1952, li kienu l-ewwel passi tal-proġett Ewropew. Sabiex waslet għas-70 sena tagħha, l-istituzzjoni ġudizzjarja kellha taffaċċja diversi sfidi matul is-snin u matul epoki differenti. Is-suċċessjoni tat-Trattati, il-ħolqien tal-Qorti Ġenerali fl-1989, it-trasferiment ta' kompetenzi ġodda kif ukoll it-tkabbir suċċessiv, iżda wkoll Brexit, iż-żieda progressiva tal-lingwi uffiċjali u tal-Avukati Ġenerali, l-irdoppjar tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali ... dawn huma kollha avvenimenti li ħallew il-marka tagħhom fuq din il-mixja u li fil-kuntest tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet il-missjoni tagħha, jiġifieri li tiżgura l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u li tiżgura l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tiegħu. Qabel inħarsu lejn il-futur, induru l-ewwel lejn l-avvenimenti prinċipali li seħħew matul din is-sena speċjali.

Fil-bidu tas-sena, il-President żvela **l-logo tas-70 anniversarju**, li ntuża għall-ewwel darba fl-ambjent intern tal-Qorti tal-Ġustizzja. Simbolu ta' dan l-anniversarju, dan il-logo ntuża fil-pubblikazzjonijiet kollha matul is-sena. Il-logo tqiegħed fuq il-faċċata tal-bini u kien jidher miċ-ċentru tal-Belt tal-Lussemburgu, sabiex jiġbed l-attenzjoni taċ-ċittadini. Matul il-**Ġranet "Bibien Miftuħa"**, il-viżitaturi setgħu jibagħtu kartolini, bil-logo msemmi iktar 'il fuq, madwar l-Unjoni kollha sabiex jinformaw lill-qraba tagħhom dwar il-parteċipazzjoni tagħha f'dan l-avveniment ta' ċelebrazzjoni.




Fuq **Twitter,** kampanja ta' informazzjoni rawmet għarfien fost iċ-ċittadini dwar l-istorja u l-attività tal-istituzzjoni. 70 tweet ippreżentaw l-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-1952 sal-lum għall-146 000 segwaċi tagħna!

B'kontinwazzjoni ta' tradizzjoni li tmur lura diversi deċennji, wara l-bolol maħruġa fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Palazz fl-1973, tal-35 sena anniversarju tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-1987, tal-50 sena anniversarju fl-2002 u tas-60 sena anniversarju fl-2012, Post Luxembourg ħarġet **bolla** biex tfakkar is-70 sena tal-istituzzjoni.

F'kuntest kompletament differenti, ġie ppubblikat **ktieb** dwar l-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'edizzjoni ta' prestiġju: dan il-ktieb ser jippermetti l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar l-istituzzjoni tagħna fil-kuntest ta' żjarat uffiċjali u okkażjonijiet protokollari. Edizzjoni aċċessibbli għall-pubbliku ser tinħareġ fl-2023.

L-avveniment prinċipali taċ-ċelebrazzjonijiet inżamm fil-bidu ta' Diċembru: il-Qorti tal-Ġustizzja laqqgħet, fil-kuntest ta' **Forum straordinarju tal-membri tal-ġudikatura**, il-presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri, tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Dan l-avveniment annwali importanti, li nżamm b'format speċjali fl-2022, iservi ta' opportunità għal skambji bejn l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali u l-membri tal-ġudikatura tal-Istati Membri kollha, biex jippromwovu d-djalogu ġudizzjarju. Iddedikat għat-tema "Ġustizzja qrib iċ-ċittadin", dan il-forum tnieda bil-wiri fis-Sala Prinċipali ta' **film** ġdid, li jfakkar is-70 anniversarju tal-Qorti tal-Ġustizzja billi jirrakkonta l-istorja tagħha u r-rwol tagħha fil-proġett tal-ordinament ġuridiku Ewropew. Aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, dan il-film inħoloq mid-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'interventi mill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali u minn rappreżentanti tad-dinja akkademika u b'diversi ritratti meħuda mill-arkivji.

Għall-**udjenza solenni** tas-6 ta' Diċembru, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet lill-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Eredi Guillaume, kif ukoll lil Othmar Karas, l-ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, lil Michal Šalomoun, il-Ministru għal-Leġiżlazzjoni u President tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka, lil Věra Jourová, Viċi Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea, u lil Sam Tanson, Ministru għall-Kultura u għall-Ġustizzja tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.





# Bennejja tal-Ewropa: iż-żgħażagħ fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Les célébrations du 70e anniversaire se sont achevées le 6 décembre par la conférence « Bâtisseurs d'Europe », une rencontre particulière entre les hauts représentants de l'Union et la jeunesse européenne.

"Merħba f'darkom, fil-Qorti tal-Ġustizzja tagħkom!"

Kien b'dan il-kliem li l-President Koen Lenaerts laqa' l-240 student post sekondarju minn għaxar Stati Membri li kienu preżenti fis-Sala Prinċipali u mill-bogħod, qabel ma ddeskriva r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-impatt tagħha fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Il-President Lenaerts, kif ukoll Othmar Karas u Věra Jourová ppreżentaw il-mixja professjonali individwali tagħhom u l-azzjonijiet tagħhom fl-istituzzjoni rispettiva tagħhom, filwaqt li enfasizzaw l-importanza tal-oriġini differenti tagħhom, riflessjoni ta' Ewropa magħquda fid-diversità: "Individwu b'oriġini, reliġjon jew opinjoni differenti, jista' jkollu raġun daqsi", iddikjara O. Karas. Min-naħa tagħha, V. Jourová fakkret lill-istudenti żgħażagħ li valuri bħalma huma d-demokrazija u l-Istat tad-dritt mhux dejjem kienu meħuda għall-għarrieda: f'dan id-dawl, hija semmiet l-ewwel memorji importanti tal-ħajja tagħha, il-wasla tat-tankijiet Sovjetiċi fil-Ħarifa ta' Praga tal-1968.

*"Għalija kien verament ta' ispirazzjoni l-fatt li kellna l-possibbiltà nipparteċipaw u li nagħmlu mistoqsijiet lil mexxejja tal-ogħla livell!"*

K. Lenaerts, O. Karas u V. Jourová għaddew imbagħad għal sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet mal-mistiedna żgħażagħ. Il-vantaġġi tal-proġett Ewropew, is-sens tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant mal-Unjoni, l-ikbar sfidi li qiegħda taffaċċja l-Unjoni, l-azzjoni tagħha meta jkun hemm ksur tad-dritt tagħha u tal-valuri demokratiċi tagħha, il-kritika diversa fil-konfront tagħha u l-firxa progressiva tax-xettiċiżmu fil-konfront tal-Ewropa, il-bidla fil-klima u d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew l-orjentament sesswali. Dawn kienu wħud mit-temi li l-viżitaturi żgħażagħ stiednu lill-kelliema jindirizzaw.

*"L-iskola tagħna kellha l-privileġġ li tagħmel mistoqsijiet lill-iktar personalitajiet importanti tal-istituzzjonijiet Ewropej: ma kontx spettatur iżda parteċipant fil-konferenza."*

Sabiex jagħlaq il-laqgħa mal-istudenti, il-President Lenaerts fakkar id-dikjarazzjoni ta' Robert Schuman: "L-Ewropa ma hijiex ser tinbena f'daqqa, u lanqas bi proġett globali. L-Ewropa ser tinbena bi proġetti konkreti li joħolqu, qabel kollox, solidarjetà fil-fatt". Fi tmiem din il-laqgħa, l-istudenti wrew is-sodisfazzjon kbir tagħhom dwar l-opportunità li kellhom li jinteraġixxu mal-ogħla rappreżentanti tal-Unjoni.

## Streaming tas-seduti: pass ieħor biex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qrib iċ-ċittadini



Bil-għan li tagħti dimensjoni moderna lill-prinċipju ta' trasparenza u ta' pubbliċità tas-seduti, il-Qorti tal-Ġustizzja din is-sena bdiet tagħmel disponibbli l-istreaming tas-seduti fis-sit CVRIA bħala parti minn esperiment pilota. B'dan is-servizz ġdid, il-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq tkun eqreb lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-sistema, implimentata f'April 2022, toffri l-possibbiltà lill-persuni li ma jkollhomx il-miżuri neċessarji biex jivvjaġġaw lejn il-Lussemburgu, tkun xi tkun ir-raġunti (riżorsi finanjarji, distanza, diffikultà ta' vjaġġar), isegwu s-seduti tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess kundizzjonijiet bħall-pubbliku li jkun fil-post. Bil-multilingwiżmu fil-qofol tal-funzjonament tal-istituzzjoni, iċ-ċittadini jistgħu fil-fatt isegwu d-dibattiti bil-lingwa tal-għażla tagħhom billi jagħżlu l-interpretazzjoni li jridu waqt l-istreaming.

Biex tiġi żgurata s-serenità tad-dabattiti u biex tiġi evitata kull diffikultà teknika, is-seduti għas-sottomissjonijiet orali ma jiġux trażmessi b'mod dirett, iżda bi ftit dewmien. B'hekk, is-seduti li jinżammu filgħodu jiġu trażmessi waranofsinhar, filwaqt li s-seduti ta' waranofsinhar ikunu disponibbli l-għada filgħodu. Min-naħa tagħhom, l-għoti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-qari tal-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali jiġu trażmessi b'mod dirett. Qabel it-trażmissjoni tas-seduta, sabiex tiġi ffaċilitata l-komprensjoni tal-kawża, preżentazjoni qasira multilingwi li tippreżenta l-kawża tingħata minn uffiċjal tal-istampa fuq l-iskrin.



**Sébastien Servais,**

*Kap tad-diviżjoni "Multimedia"*

*"Għalkemm id-deċiżjoni li jiġi implimentat streaming hija pjuttost reċenti, id-diviżjoni tagħna ilha diversi snin tipprepara għaliha. L-isfida prinċipali li kellna bil-bidu kienet, qabel kollox, ta' natura teknika peress li kienu meħtieġa diversi apparati informatiċi u bidla fil-qalba stess tas-sistemi ta' konferenza tagħna, b'mod partikolari biex jiġi rrispettat il-multilingwiżmu. Elementi oħra kienu jeħtieġu attenzjoni intensiva: l-użu tal-immaġni matul is-seduti,*

*id-diversi problemi marbuta mal-integrità tas-seduta stess, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali tal-persuni li jipparteċipaw fis-seduta. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-kwalità tal-immaġni u lill-ġestjoni tal-kameras, bil-ħsieb li tixxandar immaġni ta' kwalità għolja. Dan is-servizz ta' streaming ser jiġi kkompletat b'mod progressiv permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni esterni ġodda li ser jippermettu li tiżdied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjoni tagħna, filwaqt li tinżamm trasparenza massima fil-konfront taċ-ċittadin. Dan huwa probabbilment l-ewwel stadju, iżda l-ewwel pass huwa mingħajr dubju dejjem l-iktar pass diffiċli."*



**Tina Omahen,**

*interpretu*

*"Wara li kellna nadattaw ruħna għal bidliet kbar fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħna minħabba l-kriżi sanitarja, aħna l-interpreti kellna naffaċċjaw novità oħra: id-dubbing tal-preżentazzjonijiet awdjoviżwali mogħtija qabel is-seduti trażmessi permezz ta' streaming. B'differenza mill-interpretazzjoni, id-dubbing għandu jitwettaq b'sinkronizzazzjoni kważi perfetta mal-kelliem. Apparti l-fatt li kellna nadattaw it-teknika abitwali ta' rendiment tagħna għal dan ir-rekwiżit differenti, kellna niffamiljarizzaw ruħna wkoll ma' għodda ta' reġistrazzjoni ġdida. Għal ċerti kollegi, li jużaw prinċipalment dokumenti miktuba bl-idejn sabiex jippreparaw ruħhom, it-trasferiment lejn id-diġitali kien sfida li kellhom jegħlbu. Madankollu, wara ftit għaraq ta' nkwiet, illum għandna rutina tajba sabiex inwettqu dan il-kompitu ġdid."*

**Marc-André Gaudissart,**

*Assistent Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja*



*"Għalkemm ilha tintalab għal diversi snin, b'mod partikolari minn ġurnalisti, minn universitajiet jew minn membri parlamentari, it-trażmissjoni tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali fuq l-internet kienet madankollu għadha ma ġietx implimentata mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti Ġenerali, u dan mhux biss minħabba kwistjonijiet marbuta mal-ġestjoni tad-dibattiti u mal-iżvolġiment tajjeb tas-seduti, iżda wkoll minħabba restrizzjonijiet ta' natura teknika jew lingwistika sa fejn trażmissjoni ta' seduta multilingwi mingħajr interpretazzjoni simultanja ftit li xejn tkun utli għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Dan kien qabel il-kriżi sanitarja...*

*Bis-saħħa tal-isforzi kunsiderevoli min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja matul dan il-perijodu, b'mod partikolari sabiex tippermetti lill-partijiet, ħafna drabi suġġetti għal restrizzjonijiet stretti ħafna fuq l-ivvjaġġar, jipparteċipaw mill-bogħod fis-seduti għas-sottomissjonijiet orali li kienu jinżammu fil-Lussemburgu, il-Qorti tal-Ġustizzja attrezzat ruħha bil-mezzi tekniċi neċessarji li jippermettulha, illum il-ġurnata, tiżgura t-trażmissjoni tas-seduti tagħha fuq l-internet. Fil-preżent, dan l-iżvilupp jikkonċerna biss is-seduti tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, dan huwa pass importanti lejn trasparenza ikbar tal-ġustizzja fil-konfront taċ-ċittadini, iżda huwa wkoll mingħajr dubju progress għall-qrati nazzjonali li jkunu għamlu lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni li issa jistgħu jsegwu mill-bogħod l-iskambji dwar din id-domanda matul is-seduta u li, għalhekk, ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-portata tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan huwa vantaġġ kbir fi żmien fejn il-valuri u l-pedamenti stess tal-proġett Ewropew xi drabi jinsabu mhedda."*



# Rappreżentazzjoni teatrali fis-Sala Prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja

## L-aħħar sajf – Falcone u Borsellino, tletin sena wara

Sabiex jitfakkar it-30 anniversarju mill-assassinat tal-maġistrati Taljani Giovanni Falcone u Paolo Borsellino, is-Sala Prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja inbidlet f'teatru għar-rappreżentazzjoni tax-xogħol *L'Ultima estate – Falcone e Borsellino trent'anni dopo* ta' Claudio Fava, taħt id-direzzjoni ta' Chiara Callegari, fil-preżenza tal-President Lenaerts u ta' diversi personalitajiet. Claudio Fava huwa ġurnalist u kittieb, ex Membru tal-Parlament Taljan u Membru tal-Parlament Ewropew, President tal-Commissione Antimafia della Regione Sicilia. Ix-xogħol tiegħu jsegwi l-aħħar xhur tal-ħajja taż-żewġ maġistrati Taljani fis-snin 90.

Mejda ta' uffiċċju, żewġ siġġijiet, fajl f'ambjent minimalist: il-messaġġ li d-direttriċi, C. Callegari, xtaqet twassal kien dwar l-importanza tal-impenn f'kawża komuni u dwar il-ħtieġa li nibqgħu attenti quddiem il-perikolu li għadhom jirrappreżentaw illum il-ġurnata t-theddid għall-Istat tad-dritt u l-kriminalità ekonomika mingħajr fruntieri. Il-lingwaġġ artistiku joħloq spazju sabiex jiġu indirizzati l-emozzjonijiet tal-ispettaturi u sabiex ikunu magħmula konxji tal-valuri tal-ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk fakkret l-importanza tad-dmir li jiġu mfakkrin u jingħataw ġieħ dawn il-maġistrati Taljani li ssieltu għall-protezzjoni tal-Istat tad-dritt.



**Chiara Callegari, Simone Luglio u Giovanni Santangelo**

*"L-ispettaklu L'Ultima Estate – Falcone e Borsellino trent'anni dopo jirrakkonta l-istorja unika ta' żewġ maġistrati Taljani ddedikati għall-ġlieda kontra l-mafja. Dan ix-xogħol inkiteb fl-2021, matul perijodu ta' inċertezza kbira għall-umanità, perijodu li fih il-popli tad-dinja kollha kienu qegħdin jiġġieldu theddida komuni. F'din l-inċertezza, l-idea li tiġi riprodotta fuq palk il-ħajja ta' dawn*

*iż-żewġ irġiel li kellhom jiġġieldu waħedhom kontra mostru mingħajr limiti, il-mafja, kienet stramba u diffiċli. Kien privileġġ għalija li kelli l-opportunità nonora l-personalitajiet tagħhom f'kuntest bħal dak tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

*Sabiex jirrakkonta l-istejjer, l-attur għandu bżonn il-pubbliku. Fil-Qorti tal-Ġustizzja ma sibniex biss diversi spettaturi – preżenti fil-post jew li segwew bi streaming – iżda sibna wkoll post li min-natura tiegħu u mill-missjoni tiegħu jirrappreżenta l-vuċi taċ-ċittadini kollha tal-Ewropa.*

*Dan il-post ta perspettiva lix-xogħol tagħna u għolla l-ispettaklu għal livell ieħor. Il-piż tal-kliem mitkellem mill-atturi nbidel u ħa dimensjoni oħra. Kellna nqisu wkoll il-fatt li konna l-ewwel li tellajna xogħol teatrali fil-Qorti tal-Ġustizzja, li saret teatru għal ġurnata.*

*Ix-xogħol ġie introdott mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts, u mbagħad mill-Ministru Taljana għall-Ġustizzja, Marta Carabia. Il-kelma mbagħad tħalliet f'idejna! Kellna nibqgħu kkonċentrati quddiem l-isfida li nippreżentaw xogħol li jmiss daqstant il-qalb f'post ta' ġustizzja tant simboliku.*

*"Il-jum kien deċiż, Sibt f'Mejju…", dan il-kliem nifed is-silenzju fis-Sala Prinċipali u hekk beda r-rendikont tagħna tal-avventura umana ta' żewġ qaddejja tal-ġustizzja.*

*Nibqgħu niftakru l-merħba ġenwina, id-disponibbiltà u l-kompetenza tal-organizzaturi u tat-timijiet tekniċi, u l-entużjażmu komuni li jikkaratterizza din il-katidral impressjonanti tad-dritt tal-Unjoni."*

# C Relazzjonijiet mal-pubbliku

L-uffiċjali tal-istampa fid-Direttorat tal-Komunikazzjoni, li għandhom taħriġ ta' ġuristi, għandhom ir-rwol li jispjegaw is-sentenzi, id-digrieti u l-konklużjonijiet, iżda wkoll il-kawżi pendenti lill-ġurnalisti mill-Istati Membri kollha u lid-diversi korrispondenti tagħhom. Huma responsabbli għat-tħejjija tal-avvenimenti u għall-materjal ta' komunikazzjoni li jintbagħtu lil dawn il-ġurnalisti u korrispondenti u li għalihom dawn tal-aħħar jistgħu jabbonaw.

Fl-2022, sena ddedikata għat-tema "Ġustizzja qrib iċ-ċittadin", id-djalogu mal-professjonisti tad-dritt u mal-pubbliku ġenerali kien iktar intensiv. Bħal fis-snin li għaddew, l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, kemm fil-kuntest tal-programm il-ġdid ta' żjarat mill-bogħod u kemm fil-kuntest tan-networks soċjali, baqa' għodda importanti sabiex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tal-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fir-rigward tas-soċjetà ċivili. Is-70 anniversarju kien okkażjoni sabiex jiġi enfasizzat wieħed mill-valuri essenzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja: li tkun għas-servizz taċ-ċittadini ta' Unjoni tad-dritt.

Is-sena 2022 kienet ikkaratterizzata mir-ritorn progressiv tal-viżitaturi wara t-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija.

Wara sentejn li matulhom ma setax jitwettaq, l-ewwel **Jum "Bibien miftuħa"** ġie organizzat fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Mejju, fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa. Matul dan l-avveniment, fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja, ġew organizzati żjarat iggwidati b'diversi lingwi li ppreżentaw l-attività tal-istituzzjoni. Dawn iż-żjarat, li kienu jeħtieġu reġistrazzjoni minn qabel, ippreżentaw lill-pubbliku l-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, l-iżvolġiment ta' kawża, is-sala tad-deliberazzjonijiet u s-Sala Prinċipali. Fl-istess ħin, f'Esch-sur-Alzette, il-kapital Ewropea tal-kultura fl-2022, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha stand, li approfittat minn ġurnata sabiħa tar-rebbiegħa. Tim ikkostitwit mill-persunal u mill-Membri ltaqa' maċ-ċittadini sabiex jippromwovi u jispjega r-rwol tal-istituzzjoni ġudizzjarja Ewropea. Fit-8 ta' Ottubru, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tiftaħ mill-ġdid il-bibien tagħha, b'avveniment ikbar minn dak li nżamm fir-rebbiegħa. Id-dipartimenti tal-istituzzjoni u d-diversi professjonijiet kienu s-suġġett ta' spjegazzjonijiet. Fl-2022, kienu iktar minn 2 700 l-persuni li ħadu din l-opportunità li jiskopru kif taħdem il-Qorti tal-Ġustizzja.

**2 700**

l-persuni li ħadu

Matul is-sena, l-istituzzjoni ppubblikat fuq is-sit CVRIA 216**-il stqarrija għall-istampa**, intiżi li jinformaw lill-ġurnalisti u lill-prattikanti dwar id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali hekk kif jingħataw. Fid-dawl tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha disponibbli fuq is-sit, 2 856 stqarrija għall-istampa ntbagħtu lill-korrispondenti fl-Istati Membri.

**2 856**

stqarrija għall-istampa

L-uffiċjali tal-istampa ttrażmettew ukoll, lill-korrispondenti tagħhom li huma prinċipalment ġurnalisti iżda li jinkludu wkoll professjonisti tad-dritt, 551 ittra ta' informazzjoni u 568 "informazzjoni rapida" dwar kawżi li ma kinux is-suġġett ta' stqarrijiet għall-istampa. Fl-2022 ġew ittrattati wkoll iktar minn 10 000 ittra elettronika u kważi 5 000 telefonata dwar talbiet għal informazzjoni mressqa minn ċittadini (bil-lingwa ta' kull ċittadin li għamel it-talba).

L-istituzzjoni intensifikat l-użu tan-networks soċjali sabiex tinforma lill-pubbliku ġenerali permezz taż-żewġ kontijiet **Twitter** tagħha, wieħed bil-Franċiż u l-ieħor bl-Ingliż. Flimkien dawn il-kontijiet għandhom 146 000 segwaċi. Iddedikati essenzjalment għall-iktar sentenzi importanti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali u għall-avvenimenti prinċipali fil-ħajja tal-istituzzjoni, fl-2022 ittellgħu 1 868 tweet, jiġifieri d-doppju tas-sena preċedenti. Tnediet kampanja fuq Twitter sabiex jiġu koperti ċ-ċelebrazzjonijiet tas-70 anniversarju. Is-segwaċi setgħu b'hekk jiskopru l-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' 70 tweet imtella' speċjalment għall-okkażjoni, li xeħtu dawl fuq l-aħħar 70 sena tal-istituzzjoni. L-istituzzjoni hija preżenti wkoll fuq **LinkedIn**, fejn tellgħet 313-il messaġġ għall-attenzjoni tal-178 000 segwaċi tagħha fuq dan in-network professjonali. Fi żmien sena, il-Qorti tal-Ġustizzja kabbret b'iktar minn terz din il-komunità, evoluzzjoni li turi l-viżibbiltà tal-preżenza tagħha fuq din il-pjattaforma.

Min-naħa tagħhom, il-professjonisti tad-dritt għandhom aċċess għall-"Fajls tematiċi", kif ukoll għall-"Bullettin mensili ta' ġurisprudenza", u għas-"Selezzjoni ta' sentenzi importanti" tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, li jiġu proposti mid-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni, fil-kuntest tal-Kollezzjoni tas-Sunti tiegħu. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi għan ta' trasparenza sabiex issaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-konfront tal-istituzzjoni. Għal dan il-għan, il-komprensjoni tar-rwol tagħha u tal-attività ġurisprudenzjali tagħha hija fattur essenzjali. Din ir-rieda li tkun qrib iċ-ċittadini toħroġ ukoll mill-implimentazzjoni ta' proġett ta' **żjarat mill-bogħod** li nbeda fl-2021. Wara l-implimentazzjoni tiegħu bil-Franċiż, bit-Taljan, bil-Latvjan u bl-Ungeriż, dan il-proġett, fid-dawl tas-suċċess li kellu, ġie propost b'lingwi oħra. B'hekk, żjarat mill-bogħod saru wkoll biċ-Ċek, bil-Grieg, bil-Pollakk u bir-Rumen. L-għan għas-sena 2023 huwa li l-Qorti tal-Ġustizzja tkompli timxi f'din id-direzzjoni u tkompli tkabbar dan il-programm għal lingwi uffiċjali ġodda.

**146 000**

segwaċi

**178 000**

abbonat

Iż-żjarat mill-bogħod huma intiżi li tingħata informazzjoni dwar il-rwol tal-qrati tal-Unjoni lill-istudenti ta' bejn 15 u 18-il sena. L-impatt tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom u l-attività ġudizzjarja jiġu ppreżentati minn ġurist. L-istudenti jżuru virtwalment il-bini u jassistu għall-wiri ta' żewġ films qosra maħluqa għal dan il-programm. Huma jkunu jistgħu jiltaqgħu ma' Mħallef jew ma' Avukat Ġenerali għal seduta ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Il-programm huma maħsub li jrawwem għarfien fost l-istudenti żgħażagħ, u l-għalliema tagħhom, dwar il-valuri demokratiċi u dwar l-isfidi legali attwali.

Fir-rigward tal-formati iktar klassiċi, wara sentejn milquta b'mod qawwi mill-pandemija, l-organizzazzjoni ta' **żjarat fil-post** reġgħet bdiet mill-ġdid. B'hekk, 9 683 viżitatur żaru l-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja. Oħrajn għażlu l-**format virtwali** – madwar 15 % tal-viżitaturi ta' din is-sena. Din it-tendenza hija mistennija li tkompli tikber b'mod kunsiderevoli fis-snin li ġejjin, b'mod li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja aċċessibbli wkoll għaċ-ċittadini Ewropej li jinsabu l-bogħod mil-Lussemburgu. Din il-politika ta' ftuħ, minn naħa, tnaqqas l-impatt ambjentali, ixxejjen id-distanzi u l-ispejjeż, u, min-naħa l-oħra, tikkostitwixxi valur miżjud fl-għan ta' trasparenza u ta' komprensjoni tal-istituzzjoni.



*Dimitrios Gratsias,*
*Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja*

*"Il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni fi 'żjara mill-bogħod', bil-Grieg, fil-Qorti tal-Ġustizzja kienet idea li interessatni sa mill-bidu tal-proġett. Ikolli ngħid, iżda, li kelli ftit dubji. Kif se nkellem lil studenti dwar il-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr ma ndejjaqhom b'dettalji tekniċi żejda, iżda fl-istess ħin mingħajr ma naqa' fin-nassa ta' semplifikazzjoni li tqarraq bihom? U dan barra minn hekk fil-kuntest ta' żjara mill-bogħod, mingħajr l-iskambju spontanju li ġeneralment ikun hemm fil-kuntest ta' żjara fil-post. Fil-verità, iżda, id-dubji tiegħi ma kinux iġġustifikati. Diversi parteċipanti għaddewlna bil-quddiem il-mistoqsijiet tagħhom, waħda iktar interessanti mill-oħra. Jiena fassalt il-preżentazzjoni tiegħi billi weġibt l-ewwel għall-iktar mistoqsijiet ġenerali, u mbagħad għal dawk iktar speċifiċi, jekk mhux ukoll personali. B'hekk kellna, u dan bis-saħħa wkoll tal-mistoqsijiet magħmula matul il-laqgħa, mhux biss diskussjoni animata, li ma hijiex ħaġa sorprendenti b'pubbliku bħal dan, iżda wkoll dibattitu verament approfondit, li fil-fehma tiegħi ħalla impressjoni fidila ta' x'inhi l-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u ta' liema huma l-isfidi li għandha quddiemha. Kienet esperjenza li nerġa' nagħmilha? Iva, mingħajr ebda ħjiel ta' dubju!"*

*Varvara Efkarpidou,*
*studenta fl-aħħar sena, skola Franċiża-Ellenika*
*"Jeanne d'Arc" f'Pireaus, il-Greċja*



*Flimkien mal-istudenti l-oħra fil-klassi tiegħi, kelli l-privileġġ li nipparteċipa fi żjara mill-bogħod tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u li nitkellem mal-Membri tagħha. L-aċċess għaż-żjarat iggwidati tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa opportunità unika fl-età tagħna, età meta r-riflessjoni u l-orjentament professjonali jsiru iktar importanti għat-tfassil tal-futur tagħna. Iż-żmien li qegħdin ngħixu fih mhux dejjem jimlina b'ottimiżmu: il-kriżi soċjali u l-kriżi finanzjarji, kif ukoll l-inkwiet dejjem ikbar tal-ġenituri tagħhom joħolqulna dubji. F'dan id-dawl, il-laqgħa mal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet opportunità li ħalliet il-frott u, għal uħud minna, il-bidu ta' ħolma. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħna u ż-żjara ggwidata kollha qajmu l-interess u l-kurżità tal-istudenti kollha. Din iż-żjara ser tibqa' mnaqqxa fil-memorji tagħna. Nixtieq għalhekk nirringrazzja lill-organizzaturi kollha u lill-iskola tagħna għal din l-inizjattiva mill-isbaħ.*





# 4

# Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ilha għal diversi snin issegwi politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa l-iktar regoli eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-preżervazzjoni tal-ambjent.**

Bħal kull sena, l-istituzzjoni tagħti rendikont tal-evoluzzjoni tal-iktar indikaturi reċenti għad-dispożizzjoni tagħha, jiġifieri dawk tas-**sena 2021**.

Il-ġestjoni tal-proġetti immobiljari tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tal-mezzi u tal-għodda mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha huma rregolati mix-xewqa kostanti ta' rispett tal-ambjent, kif tixhed il-kisba tar-**reġistrazzjoni EMAS** (Eco-Management and Audit Scheme) fl-2016. Ir-reġistrazzjoni EMAS, maħluqa permezz ta' regolament Ewropew, tingħata lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw rekwiżiti stretti marbuta mal-politika ambjentali tagħhom u mal-isforzi tagħhom favur il-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli. Hija tikkostitwixxi rikonoxximent qawwi tal-impenn ambjentali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-prestazzjonijiet ambjentali għolja miksuba.

Fid-**Dikjarazzjoni ambjentali annwali** tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti bilanċ iddettaljat tal-prestazzjoni ambjentali u tiddeskrivi l-proġetti ekoloġiċi attwali u futuri fi ħdan l-istituzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja, pereżempju, żviluppat **programm ta' taħriġ online** li permezz tiegħu tindirizza ruħha lill-membri tal-persunal il-ġodda kollha sabiex tinformahom bl-aspetti ambjentali tax-xogħol ta' kuljum tagħhom, filwaqt li tissuġġerixxi prattiki korretti mill-perspettiva tal-informatika u tal-uffiċċju, tal-użu tal-enerġija, tal-ilma u tat-trattament tal-iskart, kif ukoll taċ-ċaqliq tagħhom.

Fost l-azzjonijiet konkreti reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-persunal tagħha network ta' funtani tal-ilma bil-għan li jitnaqqas drastikament l-użu ta' fliexken tal-plastik. Mar-ritorn lejn l-uffiċċju wara l-pandemija, il-Qorti tal-Ġustizzja qassmet ukoll fliexken li jistgħu jerġgħu jintużaw sabiex tinkoraġġixxi l-użu tal-imsemmija funtani. Effettivament, is-sistema tal-provvista ta' ilma tax-xorb teskludi l-użu ta' fliexken tal-plastik.

Fir-rigward tal-konsum tal-karti, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet għall-ewwel darba għanijiet fil-forma ta' ċifri għas-snin 2022-2023: tnaqqis ta' 10 % meta mqabbel mal-2019 fl-2022 u tnaqqis supplimentari ta' 5 % fl-2023. Barra minn hekk, f'Settembru 2022, il-kumitat EMAS ħa d-deċiżjoni li jnaqqas bin-nofs in-numru ta' stampaturi personali. L-ewwel stadji ta' dan l-eżerċizzju tnedew f'Diċembru 2022.

**L-applikazzjoni "e-Curia"** għall-iskambju tad-dokumenti ġudizzjarji bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-qrati tal-Unjoni għandha wkoll impatt ambjentali pożittiv. Bħala eżempju, li kieku l-paġni kollha tal-atti proċedurali mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali permezz ta' e-Curia fl-2022 (kważi miljun paġna) kellhom jiġu ppreżentati fuq karta flimkien ma' diversi kopji tagħhom, dan kien jiġġenera l-produzzjoni ta' diversi tunnellati ta' karti, li, barra minn hekk, kien ikollhom jinġarru fiżikament sal-Lussemburgu.





Titjib kontinwu tar-riċiklaġġ tal-iskart: għażla selettiva u rkupru tat-tagħmir tal-uffiċċju (proġett f'fażi ta' test)

Parteċipazzjoni fis-sistema ta' roti self-service Vel'OH u sostenn għat-traġitti bir-rota

Tnaqqis tal-konsum tal-ilma
**- 38.2 % $m^3$/EFT**

Tnaqqis tal-iskart (mill-uffiċċji u mir-ristoranti)
**- 59.8 % kg/EFT**

Titjib kontinwu fl-infrastrutturi tas-sħana, tal-ventilazzjoni u tal-klimatizzazzjoni

Tnaqqis tal-konsum tal-karti
**- 58.4 % kg/EFT**

Tnaqqis tal-konsum tal-elettriku
**- 5.9 % kWh/EFT**

**3466 $m^2$**
ta' ċelloli fotovoltajċi li jipproduċu
**380 041 kWh**
ekwivalenti għall-bżonnijiet annwali ta' 69 familja

Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju
**- 34.3 % kg $CO_2$/EFT**

**L-ekwivalenti full-time (EFT)** hija unità li tippermetti li titkejjel l-attività professjonali b'mod indipendenti mid-differenzi f'termini ta' numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għal kull membru tal-persunal minħabba d-diversi modi kif jiġi organizzat il-ħin tax-xogħol.

L-indikaturi ambjentali għall-ilma, għall-iskart, għall-karti u għall-elettriku jikkorrispondu għal dawk tas-sena 2021. Il-varjazzjonijiet huma kkalkolati fil-konfront tal-2015, is-sena ta' referenza.

Il-varjazzjonijiet kunsiderevoli fid-diversi indikaturi huma dovuti għan-natura eċċezzjonali tas-sena 2021 minħabba l-kriżi sanitarja.



5

# Ħarsa lejn il-futur

# Ħarsa lejn il-futur

**“Maqgħuda fid-diversità”, il-motto tal-Unjoni Ewropea jevoka valuri komuni u tradizzjonijiet differenti. Fl-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tiċċelebra l-multilingwiżmu, valur essenzjali tal-proġett Ewropew u element ċentrali tal-funzjonament tal-qrati tal-Unjoni.**

Il-multilingwiżmu huwa espressjoni konkreta tal-prinċipju fundamentali tal-ugwaljanza taċ-ċittadini Ewropej u huwa pilastru tal-proġett Ewropej. L-aċċess għad-dritt tal-Unjoni huwa ggarantit f’kull lingwa uffiċjali: kull ċittadin tal-Unjoni jista’ jikseb għarfien ta’ dan id-dritt bil-lingwa tiegħu u jista’ jinvoka, bil-lingwa tiegħu wkoll, id-drittijiet li jagħtuh it-Trattati Ewropej. Il-multilingwiżmu jippermetti l-ugwaljanza fit-trattament fl-aċċess għall-ġustizzja u għall-ġurisprudenza. Sabiex timplimentah, il-Qorti tal-Ġustizzja tistrieħ fuq il-ġuristi lingwisti tagħha u l-interpreti tagħha, li jaħdmu kuljum bl-24 lingwa uffiċjali (552 kombinazzjoni lingwistiċi possibbli).

B’hekk, fis-sena 2023, ser jitlestew diversi proġetti marbuta ma’ dan il-valur, fosthom l-inawgurazzjoni ta’ Ġnien tal-Multilingwiżmu. B’kooperazzjoni mal-awtoritajiet Lussemburgiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja tipparteċipa fil-ħolqien ta’ spazju miftuħ ġdid, maħsub sabiex jiċċelebra r-rikkezza u d-diversità lingwistika tal-Unjoni. Miftuħ għall-pubbliku maġenb il-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-ġnien ser jikkontribwixxi sabiex irawwem iktar għarfien dwar il-multilingwiżmu, valur li l-Qorti tal-Ġustizzja ilha tiddefendi bil-qawwa sa mill-ħolqien tagħha.

Barra minn hekk, huma previsti t-tnedija ta’ sit internet iddedikat għall-multilingwiżmu u l-pubblikazzjoni ta’ xogħol bi tliet volumi dwar il-multilingwiżmu ġuridiku. Dan ix-xogħol jiddeskrivi l-funzjonament, bl-24 lingwa uffiċjali, tal-qrati tal-Unjoni u jiġbor kontribuzzjonijiet minn personalitajiet eminenti tal-Istati Membri li jesprimu ruħhom dwar il-multilingwiżmu ġuridiku u amministrattiv. It-testi ser ikunu aċċessibbli fis-sit internet iddedikat għall-multilingwiżmu bil-lingwi uffiċjali kollha.

Barra minn hekk, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun dejjem eqreb lejn il-pubbliku ġenerali u l-professjonisti tad-dritt, fil-futur qarib ser ikun hemm modalità oħra ta’ komunikazzjoni, minbarra l-mezzi ta’ komunikazzjoni diġà eżistenti, b’mod partikolari s-sit internet u n-networks soċjali: Curia Web TV, stazzjon televiżiv online. Curia Web TV ser jixxandar fuq is-sit CVRIA u ser jikkontribwixxi għal trasparenza ikbar favur iċ-ċittadini Ewropej, inklużi ċ-ċittadini żgħażagħ, billi joffrilhom kontenut awdjoviżiv u billi jinformahom dwar l-attività istituzzjonali u ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-kuntest tal-pjan globali favur l-inklużjoni, fl-2023 il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkompli bil-ħidma tagħha sabiex tkompli ttejjeb u tiffavorixxi l-integrazzjoni ta’ persuni b’diżabbiltà u sabiex tiffaċilita l-għajnuna u l-akkumpanjament minn assistenti.

Fl-aħħar nett, ser jiġu ddedikati sforzi kunsiderevoli favur it-tħaddim tal-potenzjal tal-teknoloġiji emerġenti bil-għan li jitkomplew it-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni fl-2023. L-investigazzjonijiet u l-esperimenti mwettqa fi ħdan il-laboratorju ta’

innovazzjoni ser isiru b'kollaborazzjoni mill-qrib mad-dipartimenti dwar il-bżonnijiet konkreti marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-għodda li tintuża fit-twettiq tal-missjoni ġudizzjarja. B'mod iktar partikolari, din il-ħidma ser titkompla fl-oqsma tal-analiżi awtomatika tat-test, tal-identifikazzjoni tar-referenzi, tat-traskrizzjoni awtomatizzata, tal-aċċessibbiltà u tal-awtomatizzazzjoni robotika tal-proċess.





6

# Nibqgħi konnessi!

Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia: curia.europa.eu




## Segwi l-attwalità ġurisprudenzjali u istituzzjonali

billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**:
curia.europa.eu/jcms/PressRelease

billi tabbona fir-**RSS** tal-Qorti tal-Ġustizzja:
curia.europa.eu/jcms/RSS

billi ssegwi l-kont **Twitter** tal-istituzzjoni:
CourUEPresse ou EUCourtPress

billi ssegwi l-**Mastodon** tal-istituzzjoni:
https://social.network.europa.eu/@Curia/

billi ssegwi l-kont **LinkedIn**:
https://www.linkedin.com/company/european-court-of-justice

billi tniżżel l-**applikazzjoni CVRIA** għal smartphones u tablets

billi tikkonsulta l-**Ġabra tal-ġurisprudenza**:
curia.europa.eu/jcms/EuropeanCourtReports



## Sabiex issir taf iktar dwar l-attività tal-istituzzjoni

ikkonsulta l-paġna dwar ir-**Rapport annwali**:
curia.europa.eu/jcms/AnnualReport

ara l-animazzjonijiet fuq **YouTube**:
https://www.youtube.com/@CourtofJusticeEU

## Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni

l-**arkivji storiċi**:
curia.europa.eu/jcms/archive

id-**dokumenti amministrattivi**:
curia.europa.eu/jcms/documents

## Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

L-istituzzjoni toffri lill-partijiet interessati **programmi ta' żjarat** imfassla b'mod speċifiku skont l-interess ta' kull grupp (smigħ ta' seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-arti, żjara ta' studju, żjarat virtwali):
curia.europa.eu/jcms/visits

Permezz taż-**żjara virtwali tal-bini**, tkun tista' wkoll ittir fuq il-kumpless tal-bini u tidħol fih mingħajr ma tiċċaqlaq minn fejn int:
https://curia.europa.eu/visit360/

## Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni

Iktbilna permezz tal-**formola ta' kuntatt**:
curia.europa.eu/jcms/contact

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja
L-2925 Lussemburgu
Tel. +352 4303-1

Il-Qorti Ġenerali
L-2925 Lussemburgu
Tel. +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet:
curia.europa.eu

Test miktub fi Frar 2023

Data vverifikata sal-31.12.2022

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li taġixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi

Ritratti: © Unjoni Ewropea, 2019-2023; Gediminas Karbauskis, Shutterstock.com.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors.

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PRINT | QD-AQ-23-001-MT-C | ISBN 978-92-829-4203-1 | ISSN 2467-1460 | doi:10.2862/448 |
| PDF | QD-AQ-23-001-MT-N | ISBN 978-92-829-4155-3 | ISSN 2467-169X | doi:10.2862/60188 |
| HTML | QD-AQ-23-001-MT-Q | ISBN 978-92-829-4180-5 | ISSN 2467-169X | doi:10.2862/608 |



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

—

Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi
tal-Komunikazzjoni Elettroniċi